Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0146

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u fl-2025

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u fl-2025 (2025/2135(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[2] (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi), il-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2023 għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (COM(2023)0424) u l-qbil li ntlaħaq dwar il-ftehim proviżorju li jirriżulta min-negozjati interistituzzjonali,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni

---

1 ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.

2 ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj.

Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")[4](id-Direttiva Anti-SLAPP),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[6] (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[7],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet

---

3 ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj.

4 ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj.

5 ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj.

6 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj.

7 ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj.

ta’ razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[8],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Lulju 2008 għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426)(id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni), kif ikkonfermata mill-ġdid mill-Kummissjoni f’Lulju 2025 wara t-tħabbira preċedenti tagħha li se tirtirha, u wara li nnota l-istat pendenti tagħha fil-Kunsill,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta’ Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità[9] (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali),

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020)0698), l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025 (COM(2020)0152), l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b’diżabilità 2021-2030 (COM(2021)0101), il-pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020)0565), il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030 (COM(2020)0620), u t-tħabbira mill-Kummissjoni li taġġornahom u ssaħħaħhom,

– wara li kkunsidra l-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2026-2030,

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (COM(2020)0711) u r-rapporti annwali tal-Kummissjoni, b’mod partikolari r-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE – Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali (COM(2024)0456),

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u t-Trawwim tal-Ħajja Lhudija (2021–2030) (COM(2021)0615),

– wara li kkunsidra l-istrateġija l-ġdida tal-UE kontra r-razziżmu 2026-2030,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Lulju 2024 bit-titolu “Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea” (COM(2024)0800) u tat-8 ta’ Lulju 2025 bit-titolu “Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt

---

8 ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/913/oj.

9 ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/43/oj.

– Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea” (COM(2025)0900), u s-27 Kapitolu tal-Pajjiżi annessi magħhom,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Marzu 2025 bit-titolu “Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa” (COM(2025)0097), li tiddeskrivi viżjoni fit-tul biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra t-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istrumenti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tan-NU, b’mod partikolari d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta’ Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tar-Rieżami Perjodiku Universali tan-NU, u l-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż il-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta’ reliġjon jew ta’ twemmin (A/HRC/RES/49/5),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Rec(2006)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet tal-11 ta’ Jannar 2006,

– wara li kkunsidra l-34 Rapport Ġenerali tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti tal-Kunsill tal-Ewropa ta’ April 2025,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD), li ġiet ratifikata mill-UE fit-23 ta’ Diċembru 2010 u li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet, il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD, li ġie ratifikat minn 22 Stat Membru, kif ukoll il-Kummenti Ġenerali dwar is-CRPD u l-osservazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, tar-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u ta’ korpi oħra tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

– wara li kkunsidra s-sentenzi u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), inkluża l-ġurisprudenza dwar iż-żamma taħt arrest, bħal *Letellier vs Franza* (1991), *Ilijkov vs Il-*

Bulgarija (2001) u *Buzadji vs Il-Moldova* (2016), u r-rapporti annwali tal-Kumitat tal-Ministri dwar is-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet, l-opinjonijiet, ir-rapporti u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari tal-Kummissjoni ta' Venezja, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI), tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-rapporti u ż-żjarat fil-pajjiżi tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż ir-rapport tiegħu tal-4 ta' Settembru 2025 bit-titolu "Externalised asylum and migration policies and human rights law" (Politiki esternalizzati dwar l-ażil u l-migrazzjoni u l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem),

– wara li kkunsidra l-Pjattaforma għas-Sikurezza tal-Ġurnalisti tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li ġiet irratifikata mill-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/480 tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar it-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, u d-definizzjoni tas-suġġett tal-inkjesta, kif ukoll ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tal-kumitat[10], ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li adotta abbażi tal-ħidma tal-Kumitat dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA), u b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-

---

10 ĠU L 98, 25.3.2022, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/480/oj.

Pegasus u ta’ software ta’ spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti[11],

– wara li kkunsidra r-rapporti, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS),

– wara li kkunsidra r-rapporti, l-istħarriġ u l-opinjonijiet tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), b’mod partikolari r-Rapport tagħha għall-2024 dwar id-Drittijiet Fundamentali u r-Rapport tagħha għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar Stati Membri speċifiċi,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b’diżabbiltà[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[15],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Diċembru 2021 b’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika[16],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Settembru 2021 b’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta’ kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[17], u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta’ Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta’ reati fl-UE għad-diskors ta’

---

11 ĠU C, C/2024/494, 23.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/494/oj.
12 ĠU C, C/2024/6340, 7.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6340/oj.
13 ĠU C 177, 17.5.2023, p. 13.
14 ĠU C 161, 5.5.2023, p. 10.
15 ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.
16 ĠU C 251, 30.6.2022, p. 2.
17 ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

mibegħda u r-reati ta’ mibegħda[18],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta’ Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[19],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0042/2026),

A. billi qed jiġi osservat rigress demokratiku f’diversi Stati Membri, filwaqt li oħrajn qed jesperjenzaw ukoll sfidi li jaffettwaw l-istandards demokratiċi; billi d-deterjorament tal-istat tad-dritt, in-nuqqas ta’ indipendenza ġudizzjarja, in-nuqqas ta’ sforzi kontra l-korruzzjoni u għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-dgħufija tas-sistemi ta’ kontrokontrolli demokratiċi, kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni tan-normi kostituzzjonali huma xi karatteristiċi inkwetanti ta’ din ix-xejra;

B. billi l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri komuni, minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta’ persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; billi dawn huma valuri li huma inkorporati fil-Karta u fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi r-rispett għal dawn il-valuri huwa obbligu kontinwu għall-Istati Membri kollha wara l-adeżjoni mal-UE, u prekundizzjoni biex wieħed igawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha tat-Trattat li jirriżultaw mis-sħubija fl-UE;

C. billi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin u li, meta jiġu mminati, huma ta’ theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kollha li jgħixu fl-UE; billi s-sett ta’ għodod li għandha l-Unjoni dwar l-istat tad-dritt jikkostitwixxi sett importanti ta’ strumenti għar-rispett tal-valuri tal-Unjoni fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tagħhom, flimkien ma’ monitoraġġ regolari u azzjonijiet ta’ segwitu, tibqa’ meħtieġa biex jiġu indirizzati u pprevenuti b’mod effettiv l-isfidi sistemiċi għall-istat tad-dritt madwar l-UE;

D. billi l-implimentazzjoni effettiva tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB hija komponent essenzjali biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali u jiġi rispettat l-istat tad-dritt fl-Unjoni; billi d-dewmien rikorrenti jew in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta’ tali sentenzi jirriskjaw li jimminaw il-fiduċja fis-sistema Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sentenza pendenti fil-Kawża C-769/22, *Il-*

---

18 ĠU C, C/2024/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.

19 ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

Kummissjoni vs L-Ungerija, tista' tistabbilixxi l-Artikolu 2 tat-TUE bħala bażi legali awtonoma, u b'hekk issaħħaħ il-proċeduri ta' ksur f'dan ir-rigward;

E. billi l-progress limitat fil-proċedura li għaddejja bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE kontra l-Ungerija jissottolinja l-ħtieġa li jiġu aċċellerati u msaħħa l-proċessi eżistenti; billi huwa essenzjali li jinkisbu riżultati konkreti u f'waqthom biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-kredibbiltà tal-impenn tal-Unjoni għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

F. billi l-korruzzjoni għadha ta' tħassib serju, peress li ddgħajjef ir-responsabbiltà demokratika, toħloq theddida serja għall-governanza tajba u tnaqqar il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet, filwaqt li timmina l-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif enfasizzat b'mod konsistenti fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt;

G. billi l-korruzzjoni spiss tiġi marbuta mal-erożjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u sfruttata mill-kriminalità organizzata biex tinfiltra l-politika u l-ekonomija, tħarbat il-proċessi demokratiċi, u taħsel flus illeċiti; billi r-restawr tal-fiduċja fil-livelli kollha tas-soċjetà, inklużi fil-ġudikatura u fl-infurzar tal-liġi, jirrikjedi sforzi sostnuti kontra l-korruzzjoni, tmexxija politika etika, sorveljanza indipendenti robusta u impenn qawwi għat-trasparenza, għar-responsabbiltà u għall-protezzjoni tal-valuri demokratiċi ewlenin;

H. billi l-kriminalità organizzata toħloq theddida gravi għad-drittijiet fundamentali u għall-funzjonament tal-istat tad-dritt f'diversi Stati Membri; billi l-esperjenza ta' ċerti Stati Membri wriet l-effikaċja ta' mekkaniżmi preventivi speċifiċi maħsuba biex jimpedixxu l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fi proċessi tal-akkwist pubbliku u fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE permezz tal-obbligu ta' verifiki kontra l-mafja qabel ma jingħata aċċess għall-għotjiet u għall-konċessjonijiet pubbliċi; billi l-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmi preventivi madwar l-UE tgħin biex tipproteġi l-integrità tal-fondi tal-UE, biex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tal-komunitajiet li jintlaqtu mill-kriminalità organizzata u biex tissaħħaħ l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi;

I. billi fir-rapport annwali tiegħu, GRECO ssottolinja tħassib f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet, qafas robust biex jipprevjeni l-kunflitti ta' interess, kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-Gvern u għall-uffiċjali pubbliċi, aċċess għall-informazzjoni dwar ir-riformi tal-liġi, kif ukoll it-tisħiħ tal-oqfsa kontra l-korruzzjoni u l-integrità fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi; billi fl-istudju tiegħu dwar l-eżami tal-persuni bl-ogħla karigi eżekuttivi u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-GRECO saħaq li n-nuqqas ta' kontrolli dwar l-integrità tal-ogħla membri tal-eżekuttiv fil-gvernijiet u kwistjonijiet relatati mar-

reklutaġġ u l-karriera tal-persunal tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari għall-ogħla karigi maniġerjali, għadhom problematiċi;

J. billi hemm nuqqas ta' protezzjoni adegwata għall-informaturi madwar l-UE; billi xi Stati Membri għadhom ma ttrasponewx bis-sħiħ jew b'mod korrett id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi[2021]; billi matul l-2024 u l-2025, il-QĠUE ssanzjonat sitt Stati Membri[22] talli naqsu milli jittrasponu d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi; billi l-informaturi jaqdu rwol essenzjali biex jiskopru u jirrapportaw għemil ħażin, kif ukoll biex isaħħu r-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza, u l-protezzjoni tagħhom għandha tiġi garantita u promossa;

K. billi l-ġurisprudenza tal-QEDB tenfasizza li ż-żamma taħt arrest trid tibqa' miżura eċċezzjonali, applikata biss meta tkun strettament meħtieġa u ġustifikata minn raġunijiet rilevanti u suffiċjenti; billi l-użu ħażin taż-żamma taħt arrest jimmina d-dritt għal-libertà, il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-ġustizzja ġenerali tas-sistemi tal-ġustizzja;

L. billi l-libertà tal-media madwar l-UE għadha mhedda f'diversi Stati Membri, kif muri mill-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni, li joħroġ rakkomandazzjonijiet lil diversi Stati Membri biex jindirizzaw tħassib relatat mal-indipendenza tal-media, il-pressjoni politika u l-persistenza tal-attakki kontra l-libertà tal-istampa, inklużi s-SLAPPs;

M. billi l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (MPM) turi deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ġurnalisti, inklużi l-vjolenza, il-fastidju u l-intimidazzjoni, konċentrazzjoni dejjem tikber tas-sjieda tal-media u l-impatt tal-pjattaformi diġitali u ta' restrizzjonijiet baġitarji; billi għad huma meħtieġa aktar salvagwardji, inklużi regolaturi indipendenti, trasparenza tas-sjieda tal-media, protezzjoni minn indħil politiku u aċċess imsaħħaħ għall-informazzjoni u għas-sigurtà għall-ġurnalisti;

N. billi l-valutazzjoni annwali tal-2025 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-istampa fl-Ewropa turi li l-ħtif tal-media, in-nuqqas ta'

---

20 Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

21 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?from=EN&uri=CELEX%3A52024DC0269.

22 Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u l-Polonja; sentenzi tal-QĠUE fil-Kawżi C-147/23, *Il-Kummissjoni vs il-Polonja*; C-149/23, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*; C-150/23, *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu*; C-152/23, *Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka*; C-154/23, *Il-Kummissjoni vs L-Estonja*; u C-155/23, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*.

indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku u l-kampanji ta' diżinformazzjoni ġġenerati mill-IA huma theddidiet dejjem jikbru madwar l-UE u dan huwa riskju dirett għad-demokrazija[23]; billi wieħed mill-pilastri ewlenin f'soċjetà demokratika huwa li tiġi ppreservata l-libertà tal-istampa u li jiġi żguraat l-aċċess tal-pubbliku għal ġurnaliżmu indipendenti u ta' kwalità għolja; billi s-SLAPPs għadhom theddida għal-libertà tal-media; billi s-salvagwardji previsti fid-Direttiva Anti-SLAPP għandhom jiġu estiżi għal każijiet domestiċi u kriminali; billi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media daħal fis-seħħ bis-sħiħ fit-8 ta' Awwissu 2025; billi f'diversi Stati Membri, il-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media ġew soġġetti għal kampanji ta' malafama politika, denigrazzjoni pubblika u tentattivi orkestrati biex jiskreditaw xogħolhom, ħafna drabi akkumpanjati minn azzjonijiet legali abbużivi u theddid, pressjoni, fastidju u vjolenza, filwaqt li nħoloq klima ta' biża' u ta' awtoċensura li timmina d-dritt tal-pubbliku għall-informazzjoni;

O. billi xi ġurnalisti u ħaddiema tal-media f'diversi pajjiżi qed ibatu minn kundizzjonijiet prekarji, nuqqas ta' riżorsi u ambjent mhux sikur, inklużi dejjem aktar fastidju u sfidi legali, u jeħtiġilhom ukoll jiffaċċjaw sfidi addizzjonali inklużi l-intimidazzjoni, it-theddid legali, l-indħil politiku, aċċess limitat għal finanzjament affidabbli u tnaqqis fil-pluraliżmu tal-media; billi ħafna jiffaċċjaw theddid, attakki u intimidazzjoni waqt li jkunu qed isiru l-investigazzjonijiet, u xi wħud huma mġiegħla jgħixu taħt il-protezzjoni tal-pulizija minħabba theddid kontinwu għal ħajjithom; billi skont ir-rapport 2024 tal-MPM, il-prekarjetà tax-xogħol ġurnalistiku kellha impatt dirett fuq l-indipendenza u l-kwalità tar-rapportar madwar l-Ewropa; billi l-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media jeħtiġilhom igawdu d-drittijiet u jassumu d-dmirijiet mogħtija lilhom permezz tal-funzjoni tagħhom;

P. billi d-diżinformazzjoni spiss tagħmel parti minn firxa usa' ta' theddid ibridu li għandu l-għan li jimmina jew jagħmel ħsara lil gvernijiet, pajjiżi jew alleanzi stabbiliti demokratikament; billi t-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, inklużi kampanji online sponsorjati u kkoordinati mill-Istat, jikkontribwixxi għall-polarizzazzjoni, inaqqar il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, jhedded l-integrità tal-proċessi elettorali u d-dibattitu pubbliku, joħloq theddida għall-prinċipji elettorali ewlenin bħal-libertà tal-votanti li jiffurmaw l-opinjoni tagħhom, it-trasparenza, l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-ġustizzja, u huwa amplifikat miż-żieda fil-media soċjali u l-pjattaformi diġitali, li jaċċelleraw it-tixrid ta' kontenut falz u manipulattiv;

Q. billi l-manipulazzjoni algoritmika qed issawwar dejjem aktar l-opinjoni pubblika billi tamplifika narrattivi foloz jew estremisti; billi l-

---

23 https://edoc.coe.int/en/media/12123-europe-press-freedom-report-2024-confronting-political-pressure-disinformation-and-the-erosion-of-media-independence.html#.

bidliet fil-politiki ta' moderazzjoni tal-kontenut u fil-prattiki ta' infurzar fuq ċerti pjattaformi ewlenin approfondew din ix-xejra u qajmu tħassib dwar iż-żieda fit-tixrid ta' kontenut dannuż u manipulazzjoni online; billi l-Kummissjoni fetħet investigazzjonijiet dwar diversi pjattaformi skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[24] minħabba li dawn naqsu milli jrażżnu d-diżinformazzjoni u jipproteġu lill-utenti;

R. billi l-gruppi vulnerabbli huma partikolarment esposti online, u jiffaċċjaw manipulazzjoni mmirata, narrattivi ta' ħsara u litteriżmu medjatiku limitat; billi ż-żgħażagħ għadhom partikolarment esposti għal preġudizzju u propaganda algoritmiċi mingħajr għodod adegwati ta' kompetenza diġitali; billi l-pjattaformi diġitali jista' jkollhom ukoll rwol pożittiv fl-aċċess għall-għarfien, il-parteċipazzjoni ċivika, il-bini tal-komunità, l-innovazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali; billi l-preġudizzju fl-algoritmi u l-mudell ta' negozju tal-pjattaformi tal-media soċjali, ibbażat fuq reklamar mikroimmirat, jaqdu rwol fit-tixrid u fl-amplifikazzjoni tad-diskors ta' mibegħda u fl-inċitament għad-diskriminazzjoni, inklużi r-razziżmu, il-misoġinija u l-vjolenza;

S. billi l-inizjattivi li ġejjin tal-UE biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, inkluża t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, iridu jkunu kompletament konsistenti mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

T. billi t-teknoloġiji ġodda, inklużi s-sistemi tal-IA, joffru opportunitajiet sinifikanti għall-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u servizzi pubbliċi mtejba, iżda jirriskjaw ukoll li jiggravaw id-diskriminazzjoni u jamplifikaw l-inugwaljanzi eżistenti u joħolqu forom ġodda ta' preġudizzju; billi dawn jistgħu jqajmu tħassib fir-rigward tal-privatezza u tad-drittijiet fundamentali u għandhom ikunu soġġetti għal salvagwardji stretti u oqfsa legali ċari;

U. billi t-tfal madwar l-UE qed jiffaċċjaw kriżi tas-saħħa mentali li qed tikber xprunata mill-influwenza mhux kontrollata ta' tekniki algoritmiċi, bħal disinn li jikkawża dipendenza u li jkun manipulattiv, "disinni qarrieqa" li jġiegħlu lit-tfal iqattgħu aktar ħin quddiem l-iskrin jew il-promozzjoni ta' kontenut li jagħmel ħsara; billi dan għandu effetti negattivi fuq l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal u fuq il-benesseri mentali u s-sikurezza tagħhom; billi l-oqfsa legali attwali tal-UE li jirregolaw l-ambjent online ma jindirizzawx biżżejjed il-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal online;

V. billi l-użu ta' software ta' spjunaġġ, ta' teknoloġiji li jirrikonoxxu l-

---

[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

wiċċ u ta’ teknoloġiji ta’ sorveljanza jirrikjedi salvagwardji stretti, trasparenza u sorveljanza demokratika sabiex jiġu evitati l-abbużi, jiġu protetti d-drittijiet fundamentali u jiġi żgurat rispett sħiħ għall-privatezza; billi qed jintużaw teknoloġiji ġodda biex jinħolqu previżjonijiet, profili u valutazzjonijiet tar-riskju li jaffettwaw ħajjet in-nies u jistgħu jirriproduċu preġudizzji soċjali; billi l-użu ta’ teknoloġiji li jirrikonoxxu l-wiċċ jista’ jkollu effett diskriminatorji; billi hemm riskju li l-prattiki ta’ sorveljanza bijometrika tal-massa jimminaw id-drittijiet fundamentali; billi tali prattiki jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet għall-privatezza u l-libertà tal-espressjoni; billi t-teknoloġiji l-ġodda għandhom jiġu regolati aħjar biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali;

W. billi, fil-każ tal-ġurnalisti, is-sorveljanza mhux biss tipperikola s-sikurezza tagħhom iżda teqred ukoll il-kunfidenzjalità tas-sorsi tagħhom, u b’hekk effettivament twaqqafhom milli jwettqu xogħolhom; billi meta jkun hemm evidenza dejjem akbar u twissija minn kumpaniji dwar operazzjonijiet ta’ sorveljanza, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-obbligu ta’ rendikont ta’ dawn l-operazzjonijiet, u ma jħallux lill-vittmi mingħajr ċarezza jew rimedju effettiv;

X. billi kien hemm użu mifrux, inkluż mill-gvernijiet, ta’ teknoloġiji ta’ software ta’ spjunaġġ f’diversi Stati Membri[25]; billi l-użu ta’ software ta’ spjunaġġ jikkostitwixxi prattika abbużiva u mhux demokratika li timmina l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tagħna, u li għaliha ma hemm l-ebda rimedju effettiv; billi l-avvanzi fit-teknoloġija qed jagħmlu l-infezzjonijiet ta’ software ta’ spjunaġġ aktar diffiċli biex jiġu identifikati u dawn qed jinfirxu b’mod usa’;

Y. billi l-Kumitat ta’ Inkjesta tal-Parlament biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta’ software ta’ spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA) sab li software ta’ spjunaġġ bħall-Pegasus, Predator u Graphite ġew użati illegalment f’diversi Stati Membri kontra ġurnalisti, atturi tas-soċjetà ċivili, avukati, personalitajiet tal-oppożizzjoni u uffiċjali; billi l-Kumitat identifika ksur serju tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-data, u tal-libertà tal-espressjoni, u wissa li tali prattiki joħolqu theddida sistemika għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni; billi l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-PEGA hija essenzjali biex jiġu evitati aktar abbużi;

Z. billi investigazzjonijiet reċenti mill-ġurnalisti żvelaw li ċerti fondi tal-UE setgħu ġew allokati lil kumpaniji li jiżviluppaw jew jikkummerċjalizzaw teknoloġiji ta’ sorveljanza intrużivi, inkluż

---

25 Pereżempju, il-Greċja, Ċipru, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja.

software ta’ spjunaġġ[26]; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ebda fondi tal-UE ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp, l-esportazzjoni jew il-varar ta’ software ta’ spjunaġġ jew għodod oħra ta’ sorveljanza li jistgħu jintużaw biex jiksru d-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

AA. billi skont il-Kummissjoni ta’ Venezja, it-teknoloġiji tas-software ta’ spjunaġġ jistgħu jinbidlu f’arma ta’ sorveljanza li tista’ tintuża biex tnaqqas id-drittijiet fundamentali, tiċċensura u tikkriminalizza l-kritika u d-dissens, u tagħti fastidju, jew saħansitra trażżan, lil ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, avversarji politiċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif muri mill-bosta allegazzjonijiet u rivelazzjonijiet;

AB. billi bosta każijiet ta’ użu sproporzjonat tal-forza kontra dimostranti qed ikomplu jiġu rrapportati madwar l-UE, inklużi l-vjolenza u l-użu ta’ armi anqas letali biex jikkontrollaw jew iferrxu l-folol[27];

AC. billi hemm evidenza li xi fondi tal-UE, inklużi ċerti fondi tal-UE għall-Affarijiet Interni, intużaw b’mod li jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali, inkluża d-diskriminazzjoni; billi l-fondi tal-UE għandhom jintużaw b’mod li jippromwovi u jirrispetta d-drittijiet fundamentali u ma jirriżultax f’xi ksur bħal dan; billi l-konformità mal-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluż ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, hija prerekwiżit ewlieni biex jiġu aċċessati u implimentati l-fondi tal-UE, kif rifless fir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; billi l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtiġilhom jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta biex jaċċessaw u jimplimentaw il-Fondi tal-UE; billi aktar trasparenza u responsabbiltà u sorveljanza effettiva fl-allokazzjoni u fl-użu tal-fondi tal-UE u l-valutazzjoni tal-programmi rilevanti huma fundamentali biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali;

AD. billi ġew irrapportati b’mod wiesa’ ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi trattament ħażin, push-backs kif ukoll vjolenza verbali u fiżika; billi tali prattiki seħħew f’diversi Stati Membri f’dawn l-aħħar snin; billi dawn jinkludu każijiet ta’ migranti li jiġu ttrattati ħażin mill-gwardji tal-fruntiera jew minn uffiċjali oħra; billi dawn il-prattiki jiksru d-drittijiet fundamentali, id-dritt tal-UE u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tar-rifuġjati, inklużi l-prinċipju ta’ non-refoulement u l-projbizzjoni ta’ tkeċċijiet kollettivi; billi l-Istati Membri u l-UE għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu investigazzjonijiet bir-reqqa u effettivi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntieri; billi l-

---

26 https://media.business-humanrights.org/media/documents/MEP_letter.pdf.

27 https://www.amnesty.org/en/latest/news/2024/07/europe-sweeping-pattern-of-systematic-attacks-and-restrictions-undermine-peaceful-protest/?utm.

ksur tad-drittijiet fundamentali spiss ma jiġix irrapportat;

AE. billi skont ir-rapport bit-titolu “Externalised asylum and migration policies and human rights law” (Politiki esternalizzati dwar l-ażil u l-migrazzjoni u d-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem) tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-politiki ta’ esternalizzazzjoni jistgħu jinvolvu r-responsabbiltà tal-Istati Membri, b’mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju ta’ non-refoulement, id-dritt għall-ħajja, il-libertà mit-tortura u t-trattament inuman jew degradanti, il-projbizzjoni ta’ tkeċċija kollettiva u detenzjoni arbitrarja, kif ukoll id-dritt ta’ aċċess għal rimedji effettivi, kif garantit mit-Trattati tal-UE u tan-NU, il-Karta u l-KEDB; billi r-rapport jidentifika l-ipproċessar estern tat-talbiet għall-ażil, il-proċeduri ta’ ritorn estern u l-esternalizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri, li wħud minnhom għandhom storja dokumentata ta’ ksur serju kontra persuni li jkunu qed jiċċaqilqu, bħala wieħed mill-oqsma ewlenin li fihom ir-riskji huma partikolarment akuti;

AF. billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa jirrakkomanda li jsiru valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi dwar id-drittijiet tal-bniedem qabel involviment f’kooperazzjoni esterna, li tagħmel rieżami tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-attivitajiet li għaddejjin, li jiġu definiti prinċipji ċari u mhux negozjabbli li jeskludu kwalunkwe kooperazzjoni li x’aktarx tpoġġi lin-nies f’riskju ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali, li jiġu żgurati prekundizzjonijiet u salvagwardji adegwati tad-drittijiet tal-bniedem, u li jissaħħu t-trasparenza, il-monitoraġġ u r-responsabbiltà; billi t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u l-korpi jew l-aġenziji tal-UE qatt ma għandu jirriżulta f’lakuni fir-responsabbiltà[28];

AG. billi skont il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, id-detenzjoni tat-tfal minħabba biss l-istat migratorju tagħhom jew tal-ġenituri tagħhom tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tat-tfal u tmur kontra l-prinċipju li jrid jiġi żgurat dak li hu fl-aħjar interessi tat-tfal; billi r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa bit-titolu “L-Intelliġenza Artifiċjali u l-Migrazzjoni” (L-IA u l-Migrazzjoni) tisħaq fuq il-fatt li l-persuni li jfittxuażil għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw evidenza ġġenerata mill-IA, bħal sommarji ħżiena ta’ intervisti jew analiżijiet preġudikati, li l-għajnuna legali għandha tiġi estiża biex tappoġġja tali kontestazzjonijiet, li riparazzjonijiet iridu jkunu disponibbli fejn il-ħsara tirriżulta minn żbalji algoritmiċi, u li l-innovazzjoni teknoloġika ma tridx issir għad-detriment tad-drittijiet fundamentali[29];

AH. billi r-reazzjonijiet ta’ ċerti Stati Membri għall-migrazzjoni irregolari jirriskjaw li jimminaw id-drittijiet fundamentali u jistgħu

---

28 https://rm.coe.int/report-on-externalisation-of-migration-by-michael-o-flaherty-council-o/488028300a.

29 https://pace.coe.int/en/files/35698/html?utm.

jipperpetwaw narrattivi razzjalizzati; billi l-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jipproteġu l-ħajjiet tar-rifuġjati u tal-migranti u jieħdu passi kredibbli biex jerfgħu r-responsabbiltà għal xi ksur;

AI. billi t-tentattivi biex tiġi sospiża r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil huma kwistjonijiet ta' tħassib serju; billi d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kkonċernati jridu jiġu rispettati, u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom iridu jiġu vvalutati, u dawk li jikkwalifikaw għal protezzjoni internazzjonali jeħtiġilhom jingħataw aċċess għal miżuri ta' protezzjoni sinifikanti; billi l-qafas leġiżlattiv il-ġdid fl-ambitu tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jistabbilixxi regoli riveduti għall-proċeduri tal-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-solidarjetà; billi l-applikazzjoni effettiva tiegħu tirrikjedi rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u għall-konformità mal-obbligi tal-UE u dawk internazzjonali; billi diversi Stati Membri qed ikomplu jiffaċċjaw pressjoni operazzjonali sinifikanti fil-fruntieri esterni tagħhom; billi dawn l-isfidi jirrikjedu rispons Ewropew koordinat, inklużi proċeduri simplifikati u effettivi, f'konformità sħiħa mal-qafas legali tal-UE u dak internazzjonali applikabbli; billi l-ħtieġa li jiġi evitat l-abbuż tas-sistema Ewropea tal-ażil mill-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' presuni u l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' kriminalità organizzata tranżnazzjonali hija essenzjali għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni;

AJ. billi n-nisa u l-bniet jiffaċċjaw dejjem aktar vjolenza online perva żiva, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda b'konsegwenzi partikolari u estremi fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum, fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika, u, bħala riżultat, għal rappreżentanza ugwali; billi l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri huma inizjattivi milqugħa, għalkemm ma għandhom l-ebda setgħa ta' infurzar; billi huma meħtieġa sforzi urġenti biex tiġi difiża u promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għalhekk l-Unjoni tal-Ugwaljanza;

AK. billi l-influwenza globali dejjem tikber wasslet għal komunitajiet online u influwenzaturi rġiel li jippromwovu n-narrattiva falza li l-femminiżmu u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jagħmlu ħsara lill-irġiel, filwaqt li jxerrdu kontenut misoġinistiku, jinnormalizzaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u jinkroċjaw dejjem aktar ma' movimenti estremisti u radikali;

AL. billi l-oppożizzjoni għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri eskalat fl-aħħar snin; billi l-livell ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, b'mod partikolari kontra n-nisa u l-bniet, kif ukoll il-persuni LGBTIQ+, inklużi l-vjolenza sesswali u l-istupru, għadu għoli madwar l-Unjoni, b'mod partikolari għal dawk li jesperjenzaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni; billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru tirrappreżenta kontinwazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru offline fl-ambjent online; billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru spiss

twassal għal awtoċensura u jista’ jkollha konsegwenzi serji għall-ħajja personali u professjonali tal-vittmi; billi r-reazzjonijiet mis-sistema tal-ġustizzja kriminali għadhom ma jindirizzawx dan il-fenomenu b’mod suffiċjenti; billi t-taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija fil-ħiliet personali meħtieġa biex jisimgħu, jifhmu u jirrispettaw lill-vittmi kollha ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru huwa essenzjali biex jiġi miġġieled in-nuqqas ta’ rapportar u l-vittimizzazzjoni mill-ġdid; billi huwa indispensabbli li jiġu żgurati mekkaniżmi ta’ rapportar aċċessibbli u rimedji effettivi bil-għan li jinħoloq ambjent aktar sikur għall-vittmi kollha ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru;

AM. billi ċ-ċaħda ta’ aċċess għal abort sikur u legali tesponi lin-nisa għal riskji serji u għalhekk hija forma ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru, peress li tiċħad ukoll l-awtonomija tan-nisa u l-libertà tal-għażla riproduttiva; billi s-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva huma servizzi tal-kura tas-saħħa essenzjali; billi aktar minn 20 miljun mara fl-UE għad ma għandhomx aċċess għal abort sikur u legali u għal servizzi ta’ saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), u dan ipoġġi lin-nisa u l-bniet f’riskju ta’ ħsara fiżika u ta’ pressjoni ekonomika u mentali żejda; billi ċ-ċaħda ta’ tali servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa bħas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati f’xi Stati Membri tinkludi wkoll nisa u bniet li huma vittmi ta’ vjolenza sesswali, u dan ixekkel il-proċess tal-irkupru tagħhom mir-reat inkwistjoni; billi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Il-Vuċi Tiegħi, L-Għażla Tiegħi” tistieden lill-UE tiżgura aċċess għal abort sikur u legali għal kulħadd filwaqt li tirrispetta d-diviżjoni tal-kompetenzi skont it-Trattati; billi l-QEDB iddeċidiet li liġijiet restrittivi dwar l-abort u n-nuqqas ta’ implimentazzjoni konsistenti fil-prattika jiksru d-dritt tan-nisa għall-awtonomija u għall-integrità fiżika;

AN. billi d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, il-ġeneru u raġunijiet oħra hija pprojbita skont l-Artikolu 21 tal-Karta;

AO. billi l-Istati Membri, bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), huma marbuta bl-impenji tagħha, inkluż l-Artikolu 12 dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-qasam tal-kura tas-saħħa, bil-għan li jiġi żgurat li l-irġiel u n-nisa jkollhom aċċess ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi dawk relatati mal-ippjanar tal-familja;

AP. billi ċ-ċaħda ta’ aċċess għal abort sikur u legali fil-liġi u fil-prattika tiddiskrimina kontra n-nisa abbażi tas-sess billi tipprojbixxi tip ta’ kura tas-saħħa meħtieġ biss min-nisa; billi ma teżisti l-ebda restrizzjoni simili fuq is-servizzi tas-saħħa li huma meħtieġa biss mill-

irġiel[30];

AQ. billi l-finanzjament annwali totali kontra l-ġeneru fl-Ewropa żdied minn USD 220 miljun fl-2019 għal USD 271 miljun fl-2023, u dan jirrappreżenta żieda ta' 23 %; billi porzjon sinifikanti tal-finanzjament li jixpruna t-tkabbir tal-movimenti kontra l-ġeneru madwar l-UE ġej minn atturi barranin;

AR. billi rapporti tal-media juru li fil-passat ingħata finanzjament tal-UE lil organizzazzjonijiet li jqarrqu bin-nisa dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom; billi l-finanzjament kollu tal-UE jrid jallinja mal-valuri komuni tal-Unjoni kif imnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-Karta, biex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju jsaħħaħ il-valuri demokratiċi tal-UE;

AS. Billi qed inkunu xhieda ta' attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, inkluż permezz ta' restrizzjonijiet legali u finanzjarji, sospensjonijiet ta' finanzjament, kampanji ta' malafama, intimidazzjoni u kriminalizzazzjoni, u fuq id-dritt għal għaqda paċifika; billi d-dritt għal għaqda paċifika huwa kruċjali f'soċjetà demokratika;

AT. billi l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ssottolinja li x-xejra globali ta' rigress fid-demokrazija u fl-istat tad-dritt kif ukoll is-sekuritizzazzjoni tal-aġendi ggravaw u approfondew ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika[31]; billi l-attakki fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) bħal dawk li jaħdmu biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u dawk ambjentali, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-migrazzjoni, id-demokrazija, u l-konsulenza, żdiedu u jibqgħu kwistjoni ta' tħassib serju; billi l-OSĊ u d-DDB involuti fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jaqdu rwol vitali biex jissalvagwardjaw il-valuri tal-Unjoni; billi l-kapaċità tagħhom li joperaw liberament u b'mod indipendenti għandha tiġi żgurata u appoġġjata fl-Istati Membri kollha;

AU. billi individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħat-tfal, in-nisa, il-komunitajiet razzjalizzati u etniċi, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti u l-persuni li jfittxu l-ażil, il-persuni b'diżabbiltà u l-anzjani huma miri rikorrenti ta' diskors ta' mibegħda u narrattivi derogatorji; billi f'diversi Stati Membri, in-narrattivi kontra l-LGBTI+ qed jinfirxu minn politiċi u organi tax-xandir, ġiet ippreżentata leġiżlazzjoni kontra l-LGBTI u f'xi każijiet saħansitra ġiet adottata; billi tali sitwazzjonijiet imorru kontra l-istandards internazzjonali tad-drittijiet

---

30 Il-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tan-NU, *Inkjesta rigward il-Polonja mwettqa fl-ambitu tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Fakultattivimwettqa skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni: rapport tal-Kumitat*.

31 https://digitallibrary.un.org/record/4086729?ln=en&v=pdf.

tal-bniedem u jimminaw id-dritt ta' dawn il-gruppi li jiġu trattati bħala ċittadini ugwali;

AV. billi l-aċċess għall-finanzjament huwa kruċjali biex is-soċjetà ċivili tirnexxi u twettaq ir-rwol ta' sorveljanza tagħha; billi soċjetà ċivili vibranti u spazju ċiviku attiv huma pilastri essenzjali tad-demokrazija; billi l-OSĊ għandhom ukoll rwol kruċjali, b'mod partikolari għall-komunitajiet emarġinati, inkluż fil-forniment ta' servizzi soċjali; billi fil-linji gwida politiċi tagħha l-Kummissjoni impenjat ruħha li żżid l-involviment tagħha mas-OSĊ li għandhom għarfien espert u rwol importanti x'jaqdu biex jiddefendu kwistjonijiet soċjetali speċifiċi u biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali;

AW. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma sħab mill-qrib tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali; billi l-għajnuna umanitarja għadha qed tiġi kriminalizzata b'mod arbitrarju; billi r-restrizzjonijiet u l-ostakli li jaffettwaw l-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ (mill-Istati Membri) qed jikkontribwixxu għal telf kontinwu ta' ħajjiet; billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa stieden lill-Istati Membri tal-UE jtemmu r-repressjoni tagħhom tad-DDB li jassistu lir-rifuġjati, lill-persuni li jfittxuażil u lill-migranti, u joqogħdu lura milli jużaw retorika derogatorja, xewwiexa jew stigmatizzanti dwarhom u dwar ir-rwol tagħhom[32];

AX. billi l-Istrateġija tal-UE tas-soċjetà ċivili li jmiss għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-politiki tal-UE jkunu mfassla u implimentati f'konformità mal-valuri mnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-Karta; billi l-istrateġija għandha tinkludi inizjattivi ambizzjużi u parametri referenzjarji biex jitkejjel il-progress; billi l-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li toħloq pjattaforma tas-soċjetà ċivili li tista' tiċċentralizza u tarmonizza l-involviment attwali tal-atturi tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika tal-UE: billi l-pjattaforma għandha tiġi ddisinjata b'mod konġunt u implimentata mas-soċjetà ċivili organizzata;

AY. billi l-finanzjament fit-tul xieraq, prevedibbli u sostenibbli tal-UE għas-soċjetà ċivili għandu jkompli jiġi żgurat fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss, b'kunsiderazzjoni xierqa għat-trasparenza finanzjarja, għal ġestjoni soda u għal obbligi kuntrattwali ċari, kif għandu jkun il-każ għall-fondi u l-programmi kollha; billi l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem għadu limitat, frammentat u inkonsistenti; billi t-tnaqqis għaldan il-finanzjament, inkluż l-iffriżar tal-fondi tal-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID), qed ikollu impatt sinifikanti fuq is-soċjetà ċivili madwar l-UE, peress li qed idgħajjef serjament il-kapaċità tas-soċjetà ċivili li tiddefendi l-vittmi tad-diskriminazzjoni,

---

32 https://rm.coe.int/recommendation-protecting-the-defenders-ending-repression-of-human-rig/1680ae9b1c.

tippromwovi l-ugwaljanza, tiżgura l-obbligu ta' rendikont u tissalvagwardja l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

AZ. billi f'ċerti każijiet, il-fondi tal-UE appoġġjaw inizjattivi li jikkontribwixxu għas-segregazzjoni jew għal prattiki diskriminatorji, u b'hekk jimminaw l-objettivi tal-ugwaljanza; billi l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU appella biex jiġi żgurat li l-finanzjament għall-atturi tas-soċjetà ċivili jkun konformi mal-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-Istati Membri fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem u ma jintużax ħażin biex ifixkel il-ħidma jew jipperikola s-sikurezza tal-atturi tas-soċjetà ċivili[33];

BA. billi t-tentattivi li qed jintensifikaw fl-UE biex ireġġgħu lura jew inaqqsu d-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-persuni LGBTIQ+ huma ta' tħassib serju; billi dawn it-tentattivi jiffukaw l-aktar fuq il-qasam tal-kura tas-saħħa u d-drittijiet riproduttivi, l-identità tal-ġeneru u r-rikonoxximent legali tal-ġeneru jew l-aċċess għal edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità; billi l-attakki fuq dawn l-oqsma mhux biss huma ta' ħsara għall-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà iżda huma wkoll inkompatibbli mal-valuri tal-UE u mal-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u għalhekk jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-UE;

BB. billi bħalissa, hemm lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, fejn xi raġunijiet ta' diskriminazzjoni huma koperti biss fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol; billi dan wassal għal taħlita ta' protezzjoni u l-ħolqien ta' "ġerarkija ta' raġunijiet" artifiċjali; billi t-Trattati u l-Karta jagħtu lill-UE mandat u responsabbiltà għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet protetti kollha;

BC. billi l-Istati Membri kollha huma marbuta li jaġixxu fl-aħjar interessi tat-tfal, inkluż billi jissalvagwardjaw id-dritt fundamentali tat-tfal kollha għall-ħajja tal-familja u jipprojbixxu d-diskriminazzjoni tat-tfal abbażi tal-istat ċivili jew tal-orjentazzjoni sesswali tal-ġenituri tagħhom, jew tal-mod kif huma tnisslu; billi madwar żewġ miljun tifel u tifla xorta jistgħu jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn il-ġenituri tagħhom ma jkunux rikonoxxuti bħala tali fi Stat Membru ieħor; billi, fl-2022, il-Kummissjoni pproponiet regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur (COM(2022)0695) (Regolament dwar l-istat ta' ġenitur), li qed jistenna d-deċiżjoni finali tal-Kunsill;

BD. billi tqajjem tħassib dwar il-fatt li d-diskriminazzjoni u r-razziżmu għadhom mifruxa madwar l-UE, inkluż fil-liġijiet u l-politiki, kif ukoll fl-istituzzjonijiet pubbliċi bħall-infurzar tal-liġi u s-sistema tal-ġustizzja; billi l-prattiki diskriminatorji tal-infurzar tal-liġi għadhom

33 https://digitallibrary.un.org/record/4086729?ln=en&v=pdf.

ta’ tħassib serju; billi l-gruppi razzjalizzati huma mmirati b’mod sproporzjonat minn proċeduri ta’ waqfien u ta’ tiftix, użu eċċessiv tal-forza u fastidju; billi l-mekkaniżmi ta’ sorveljanza u obbligu ta’ rendikont għadhom dgħajfa u huma mxekkla minn nuqqas ta’ investigazzjonijiet indipendenti; billi, fl-istess ħin, il-vjolenza kontra l-uffiċjali pubbliċi trid tiġi indirizzata b’mod effettiv;

BE. billi, minkejja r-rikonoxximent formali tar-razziżmu strutturali fil-livell tal-UE, dan ikompli jimmanifesta ruħu f’oqsma ewlenin tal-ħajja fl-Istati Membri; billi s-segregazzjoni, inkluż fl-edukazzjoni, u l-każijiet ripetuti ta’ diskors ta’ mibegħda u reati ta’ mibegħda jaffettwaw b’mod sproporzjonat lill-komunitajiet razzjalizzati u gruppi emarġinati oħra, bħall-persuni LGBTIQ+; billi dawn l-ostakli strutturali u l-ksur tad-drittijiet fundamentali jfixklu l-aċċess ugwali għad-drittijiet, l-opportunitajiet u l-ġustizzja madwar l-Unjoni; billi dan għandu impatt negattiv fuq il-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet u fuq il-koeżjoni soċjali;

BF. billi l-Olokawst u l-inġustizzji storiċi, inkluż il-kolonjaliżmu u l-iskjavitù, illum qed ikomplu jsawru r-razziżmu strutturali fl-Ewropa; billi r-rikonoxximent, it-tifkira u l-edukazzjoni dwarhom huma essenzjali għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali;

BG. billi d-diskriminazzjoni intersezzjonali għadha fil-biċċa l-kbira mhux indirizzata fil-politika u fil-prattika; billi l-impatt iggravat tar-razziżmu u l-ġeneru, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, l-istatus soċjoekonomiku, l-isfond migratorju u raġunijiet oħra għadu qed jiġi injorat, u b’hekk ħafna vittmi jibqgħu mingħajr protezzjoni, appoġġ jew aċċess adegwati għal rimedji effettivi;

BH. billi l-istħarriġ reċenti mwettaq mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fost il-persuni suwed, il-Lhud, il-Musulmani u l-persuni LGBTIQ+ fl-UE juri li dawn il-gruppi għadhom jesperjenzaw każijiet mifruxa ta’ mibegħda, u diskriminazzjoni fl-UE, u dan jirrifletti diskriminazzjoni razzjali sistemika; billi l-biżgħat, l-ideat żbaljati u l-“alterizzazzjoni” jqanqlu d-diskriminazzjoni u l-intolleranza[34]; billi l-ECRI qajmet tħassib dwar diskors ksenofobiku, omofobiku u transfobiku, inkluż minn politiċi u minn uffiċjali pubbliċi; billi kull persuna fl-UE għandha l-istess dritt li ssir membru sħiħ u attiv tas-soċjetà u li tiġi ttrattata b’mod ugwali;

BI. billi r-riformi leġiżlattivi u istituzzjonali reċenti f’xi Stati Membri jqajmu dubji serji rigward il-konformità mad-dritt fundamentali għal proċess ġust u għal tribunal indipendenti u imparzjali, kif garantit mill-Artikolu 47 tal-Karta; billi l-indipendenza ġudizzjarja hija

34 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali għall-2025.

komponent indispensabbli tal-istat tad-dritt u prerekwiżit għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali l-oħra kollha; billi l-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (QIĠ) enfasizzat li l-kunsilli ġudizzjarji jeħtiġilhom jibqgħu indipendenti mill-influwenza parlamentari u eżekuttiva;

BJ. billi l-liġi Ungeriża dwar il-protezzjoni tal-identità lokali, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2025, tagħti lill-awtoritajiet muniċipali s-setgħa li jirrestringu r-residenza abbażi ta' kriterji arbitrarji bħal-livell ta' edukazzjoni, il-profiċjenza fil-lingwa u prova ta' impjieg; billi hemm riskju li tali miżuri jistituzzjonalizzaw is-segregazzjoni razzjali fl-akkomodazzjoni u jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-komunità Rom, u b'hekk iqajmu tħassib serju dwar il-konformità mad-dritt tal-UE u d-drittijiet fundamentali;

BK. billi l-komunità Rom għadha tiffaċċja diskriminazzjoni sistemika, segregazzjoni, esklużjoni soċjali u vjolenza mill-pulizija[35]; billi r-rapporti tal-FRA jiżvelaw nuqqasijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, u jenfasizzaw il-probabbiltà baxxa li jintlaħqu l-miri tagħha għall-2030[36]; billi l-iżgumbramenti furzati kontra l-persuni Rom dan l-aħħar irriżultaw fl-ispostament ta' mijiet ta' individwi, inklużi tfal, anzjani u persuni b'diżabbiltà; billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa appella għall-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QEDB relatati mad-drittijiet tal-persuni Rom[37] ;

BL. billi l-persuni b'diżabbiltà li jgħixu fl-UE għadhom jiffaċċjaw il-fastidju u forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni fl-oqsma kollha ta' ħajjithom, inklużi ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli, żvantaġġi soċjoekonomiċi, iżolament soċjali, vjolenza abbażi tal-ġeneru bħall-isterilizzazzjoni furzata, nuqqas ta' aċċess għas-servizzi komunitarji, akkomodazzjoni ta' kwalità baxxa, istituzzjonalizzazzjoni, kura tas-saħħa inadegwata, u ċaħda tal-opportunità li jikkontribwixxu u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà;

BM. billi l-UE u l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD għandhom jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien;

---

35 https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/the-unheard-12-million.

36 EU Agency for Fundamental Rights, Rights of Roma and Travellers in 13 European countries – Perspectives from the Roma Survey 2024. (L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet tar-Rom u l-Vjaġġaturi fi 13-il pajjiż Ewropew – Perspettivi mill-Istħarriġ dwar ir-Rom 2024)

37 https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/greece-should-ensure-that-roma-have-access-to-adequate-housing-and-are-not-subject-to-discriminatory-treatment-or-violence-by-law-enforcement-authorities.

BN. billi l-ECRI stiednet lill-gvernijiet jippromwovu b'mod attiv l-inklużjoni tal-migranti u jiġġieldu kwalunkwe diskriminazzjoni kontrihom[38]; billi r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali għadhom jippersistu, inkluż fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil; billi l-migranti razzjalizzati huma esposti b'mod sproporzjonat għal ksur tad-drittijiet fil-fruntieri tal-Unjoni u fis-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza; billi hemm nuqqas ta' salvagwardji espliċiti kontra r-razziżmu;

BO. billi s-sitwazzjoni tal-persuni intersesswali fl-UE għadha fil-parti l-kbira mhux magħrufa mill-pubbliku fl-UE; billi f'April 2024, diversi stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa sponsorjaw l-ewwel Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-vjolenza u l-prattiki dannużi kontra l-persuni intersesswali;

BP. billi d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali ġiet applikata b'mod insuffiċjenti mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; billi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija ma ġietx trasposta b'mod sħiħ jew korrett minn xi Stati Membri; billi huma meħtieġa sforzi aktar b'saħħithom biex jiġi miġġieled ir-razziżmu strutturali, inkluż l-impatt tan-narrattivi vjolenti tal-estremisti tal-lemin fid-dibattitu soċjali[39], u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;

BQ. billi l-aċċess għall-ġustizzja mill-vittmi ta' reati ta' mibegħda razzisti u forom oħra ta' reati ta' mibegħda u diskriminazzjoni għadu limitat ħafna f'diversi Stati Membri minħabba servizzi ta' appoġġ inadegwati, ostakli għar-rikonoxximent ta' motivazzjoni razzista u ta' mibegħda u infurzar dgħajjef tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni; billi, bħala konsegwenza, komunitajiet razzjalizzati u gruppi emarġinati oħra jkomplu jiffaċċjaw ksur tad-drittijiet mingħajr aċċess għal rimedji effettivi;

BR. billi diversi Stati Membri konsistentement injoraw is-sentenzi tal-QEDB;

BS. billi l-Artikolu 151 tat-TFUE jirreferi għad-drittijiet soċjali fundamentali bħal dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea; billi l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, inklużi l-faqar u l-esklużjoni soċjali, qed jiżdiedu madwar l-UE u dan huwa ta' tħassib kbir; billi dawn għadhom razzjalizzati ħafna, b'disparitajiet persistenti u strutturali fl-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-impjiegi u l-akkumulazzjoni tal-ġid, u jkomplu jeskludu lill-gruppi razzjalizzati minn parteċipazzjoni ugwali fis-soċjetà u jipperpetwaw

---

38 https://www.coe.int/en/web/european-commission-against-racism-and-intolerance/-/ecri-s-recommendations-on-integration-and-inclusion-of-migrants-new-factsheet.

39 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52024DC0419.

iċ-ċikli interġenerazzjonali ta' faqar u emarġinazzjoni; billi l-inugwaljanza fl-akkomodazzjoni u l-għadd ta' persuni bla dar żdiedu b'rata allarmanti f'diversi Stati Membri[40];

BT. billi l-Kummissjoni għandha teżamina liema passi huma meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-Karta Soċjali Ewropea;

BU. billi kien hemm proposti lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-istati membri tiegħu biex jadottaw protokoll għall-KEDB, inkluż id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli;

BV. billi fis-sentenza tagħha *KlimaSeniorinnen vs L-Iżvizzera,* l-KEDB irrikonoxxiet li n-nuqqas tal-Istati li jieħdu miżuri adegwati kontra t-tibdil fil-klima jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja skont l-Artikolu 8 tal-KEDB; billi d-deċiżjoni tissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġi pprovdut dritt infurzabbli għal ambjent nadif, san u sostenibbli fil-qafas tal-QEDB, biex b'hekk jiġu żgurati l-konsistenza, il-prevedibbiltà u l-protezzjoni għall-pubbliku;

BW. billi xi Stati Membri ppubblikaw ittra dwar l-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qafas tal-KEDB;

BX. billi l-istandards Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem huma d-drittijiet, il-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fit-Trattati, fil-konvenzjonijiet u fid-dritt tal-UE, u dan jirrifletti fehim kondiviż tal-livelli minimi ta' protezzjoni; billi l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem huma n-normi minimi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li ġew approvati formalment mill-komunità internazzjonali permezz ta' trattati universali, id-dritt internazzjonali konswetudinarju u prinċipji aċċettati b'mod universali; billi dawn l-istandards jorbtu jew jiggwidaw lill-Istati fit-trattament tagħhom tal-individwi;

Id-drittijiet fundamentali f'riskju

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligi tagħha, bħal pereżempju li twettaq b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa fuq id-drittijiet fundamentali meta tħejji u tippreżenta proposta leġiżlattiva, tniedi proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ u tuża proċeduri rapidi biss meta jkun strettament meħtieġ;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta billi tipprovdi ħarsa ġenerali fl-UE kollha lejn l-applikazzjoni tagħha madwar l-UE, inkluża valutazzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Karta, rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, u segwitu aktar ċar dwar l-isfidi tad-drittijiet fundamentali identifikati;

---

40 https://pace.coe.int/en/files/3%204542/html.

3. Jesprimi tħassib li interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti jwasslu għal applikazzjoni inadegwata ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta, kif enfasizzat mir-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri effettivi biex tiżgura l-applikazzjoni sħiħa u uniformi tal-Karta madwar l-UE u lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jaħtru punti fokali nazzjonali biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-proġetti nazzjonali ffinanzjati mill-UE jkunu kompletament konformi mal-Karta; jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom isemmgħu aktar leħinhom biex jiddenunzjaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali u biex jistiednu lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzawhom; jappella li jittejbu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, inkluż f'kooperazzjoni mal-FRA, bil-għan li l-individwi jkunu jistgħu jifhmu u jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom;

4. Ifaħħar ir-rwol tal-FRA fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, biex jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika billi tipprovdi data, analiżi u pariri, u fl-iżgurar li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u promossi fil-leġiżlazzjoni u fil-politika eżistenti u dawk futuri tal-UE; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji msaħħa lill-FRA biex jiġi żgurat li tkun tista' twettaq bis-sħiħ u b'mod effiċjenti d-dmirijiet li hija fdata bihom;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ l-effettività u l-koerenza tal-istrumenti eżistenti, inklużi l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni; jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[41] biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sistematika tal-Karta u l-allinjament tal-programmi tal-Unjoni kemm mal-Karta kif ukoll mal-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati trasparenza u parteċipazzjoni msaħħa tal-partijiet ikkonċernati ;

Id-demokrazija taħt pressjoni

6. Itenni li r-rigress demokratiku, l-attakki fuq l-indipendenza ġudizzjarja u t-theddid għall-ispazju ċiviku mhumiex inċidenti iżolati iżda parti minn erożjoni sistemika tal-istat tad-dritt f'diversi Stati Membri, kif ikkonfermat mir-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali u r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-

---

41 Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Dritt tal-2025; jisħaq li dawn ix-xejriet jimminaw il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-funzjonament sew tas-suq intern;

7. Jinnota bi tħassib iż-żieda fl-indħil politiku fil-ġudikatura, il-fastidju tal-imħallfin u tal-prosekuturi, u l-użu ta' proċedimenti dixxiplinari biex isikktu l-ilħna ġudizzjarji indipendenti, kif dokumentat mill-FRA u mill-Kunsill tal-Ewropa; ifakkar li r-riformi parzjali jew simboliċi f'diversi Stati Membri, bħall-Ungerija, ma jistgħux jissostitwixxu konformità ġenwina mal-indipendenza ġudizzjarja, garanziji effettivi kontra l-korruzzjoni u rispett għas-soċjetà ċivili; jissottolinja li dawn l-elementi huma intrinsikament marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-dritt għal rimedju effettiv, l-ugwaljanza quddiemil-liġi u l-aċċess għall-ġustizzja, kif minquxa fl-Artikoli 20 u 47 tal-Karta;

8. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jidħlu minnufih f'negozjati mal-Parlament dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-forma ta' ftehim interistituzzjonali li jinkludi l-valuri kollha tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluż ċiklu ta' politika permanenti fost l-istituzzjonijiet tal-UE li jintegra l-għodod eżistenti kollha, inklużi l-proċedura tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt u r-Rapport dwaru, ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-proċeduri ta' ksur, f'qafas uniku u infurzabbli;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tuża b'mod sistematiku r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u tinforzah b'mod rigoruż biex tiżgura li l-fondi tal-UE ma jikkontribwux għall-ksur tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

10. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jidħlu fi djalogu mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-gvernijiet nazzjonali biex jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għadha effettiva; ifakkar li kull limitazzjoni biex jiġu eżerċitati d-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta trid tkun prevista mil-liġi u tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk b'għadd sinifikanti ta' sentenzi tal-QEDB mhux implimentati, jaċċelleraw l-implimentazzjoni tagħhom u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ nazzjonali trasparenti biex jiżguraw il-konformità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isaħħu l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa biex jippromwovu l-eżekuzzjoni effettiva ta' dawn is-sentenzi;

12. Jesprimi tħassib serju dwar il-ksur sistemiku kontinwu tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE mill-Ungerija, li għadha taħt il-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE mill-2018 mingħajr progress tanġibbli; jisħaq li tali erożjoni kontinwa tal-istandards demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali thedded il-kredibbiltà tal-Unjoni bħala

komunità ta’ valuri; jiddeplora d-dgħufija intenzjonata tal-indipendenza ġudizzjarja, il-pluraliżmu tal-media u l-libertà akkademika, l-użu ħażin tas-setgħat ta’ emerġenza, u l-fatt li s-soċjetà ċivili u l-persuni LGBTIQ+ qed jitqiegħdu fil-mira; jinnota li r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt u r-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet fundamentali jikkonfermaw deterjorament ulterjuri tas-sistema ta’ kontrokontrolli, u korruzzjoni mifruxa u nuqqas ta’ konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew il-proċedura skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE; jistieden lill-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż bi skadenzi ċari u parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu;

13. Ifakkar li l-użu tas-setgħa diskrezzjonali għandu jkun ikkontrollat minn rieżamijiet ġudizzjarji jew indipendenti oħra; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' prevenzjoni, korrezzjoni u sanzjonijiet rigward l-abbuż tal-poteri diskrezzjonali, u jagħtu raġunijiet tajbin għad-deċiżjonijiet tagħhom, b’mod partikolari meta jolqtu d-drittijiet tal-individwi;

14. Ifakkar li skont l-istandards tan-NU għall-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi l-ewwel[42] għandhom jippruvaw jużaw mezzi mhux vjolenti; jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Istati Membri jikkonformaw mal-istandards tan-NU għall-infurzar tal-liġi; ifakkar li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma kompletament responsabbli għat-twettiq ta’ dmirijiethom; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet dwar kwalunkwe każ allegat ta’ użu eċċessiv tal-forza u trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu trasparenti, indipendenti u effettivi; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi linji gwida għall-UE kollha għall-għażla, l-ittestjar u l-prova tal-armi użati mill-persunal tal-infurzar tal-liġi, abbażi tal-istandards, ir-rakkomandazzjonijiet u l-prinċipji gwida tan-NU; jistieden lill-Istati Membri jiġbru data dwar l-użi kollha tal-forza, u dwar il-kawżi u l-konsegwenzi tagħhom;

15. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livell ta’ korruzzjoni osservata f’ċerti Stati Membri u l-emerġenza ta’ każijiet ta’ korruzzjoni li jinvolvu uffiċjali u politiċi ta’ livell għoli; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO, inklużi dawk fil-ħames ċiklu ta’ evalwazzjoni tiegħu dwar persuni bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi u aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn korpi internazzjonali u Ewropej rilevanti oħra, inkluż l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), kif ukoll ma’ dawk li jirriżultaw mill-konvenzjonijiet tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa

42 https://www.ohchr.org/sites/default/files/Documents/Publications/training5Add1en.pdf.

kontra l-korruzzjoni;

16. Jilqa' d-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u jappella biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva, f'waqtha u ambizzjuża biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

17. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-trasparenza fl-infiq pubbliku u l-finanzjament politiku, u jipproteġu lill-informaturi li jikxfu l-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fis-settur privat;

18. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi u tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tagħha;

19. Jesprimi tħassib serju rigward id-deterjorament fil-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari dawk ikklassifikati fl-aktar pożizzjonijiet baxxi fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2025, u l-pressjoni u l-attakki dejjem akbar fuq l-indipendenza editorjali u l-integrità ġurnalistika, u l-indħil politiku fihom;

20. Ifakkar li l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, inklużi media tal-aħbarijiet ta' kwalità għolja, iffinanzjata b'mod sostenibbli u trasparenti u indipendenti, kemm tradizzjonali kif ukoll diġitali, ġurnalisti indipendenti u investigattivi, verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi, u media tas-servizz pubbliku indipendenti b'saħħitha huma pedament ta' soċjetà demokratika, salvagwardja kontra l-abbuż tal-poter u antidotu għad-diżinformazzjoni;

21. Jikkundanna l-istrateġiji oppressivi użati minn xi gvernijiet tal-Istati Membri, bħall-użu ta' SLAPPs u kampanji ta' malafama, l-influwenza dejjem tikber ta' oligarki allinjati ma' gvernijiet, il-konċentrazzjoni li qed tiżdied tas-sjieda tal-media li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali fl-UE kollha, u l-kontroll tal-istat fuq il-media pubblika, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet akkademiċi, li kollha kemm huma jikkontribwixxu għad-deterjorament dejjem jikber tal-libertà tal-media u dik akkademika;

22. Jiddeplora l-prattika dejjem tikber minn uffiċjali ta' livell għoli f'xi Stati Membri li jillimitaw il-komunikazzjoni ma' mezzi ewlenin tal-media; jenfasizza li tali azzjonijiet inaqqsu l-libertà u t-trasparenza tal-media u jistgħu jikkontribwixxu għat-tixrid ta' diżinformazzjoni fl-ispazju pubbliku; jissottolinja li l-uffiċjali pubbliċi għandhom responsabbiltà speċjali fil-komunikazzjoni tagħhom mal-pubbliku; jisħaq li t-tixrid tad-diżinformazzjoni jew l-attakki pubbliċi fuq il-ġurnalisti minn uffiċjali pubbliċi huwa problema dejjem akbar li trawwem ambjent permissiv għall-propaganda, il-polarizzazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u saħansitra r-reati ta' mibegħda; iħeġġeġ lill-personaġġi pubbliċi kollha jirrikonoxxu u jżommu r-responsabbiltà

tagħhom fil-komunikazzjoni pubblika, filwaqt li jiżguraw li d-diskors tagħhom jibqa' rispettuż, fattwali u professjonali;

23. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' salvagwardji aktar b'saħħithom, u oqfsa legali robusti biex jiġu protetti l-ġurnalisti; jissottolinja li nuqqas ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni tar-reati esposti mill-ġurnalisti jpoġġihom f'riskju akbar ta' theddid u vjolenza; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jtemmu l-impunità permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet bir-reqqa u trasparenti; jagħti ġieħ lil Ján Kuciak, Daphne Caruana Galizia u Giorgos Karaivaz, u jirrikonoxxi l-ħidma essenzjali tagħhom bħala ġurnalisti investigattivi; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li fl-aħħar issir ġustizzja;

24. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza, theddid, intimidazzjoni u sorveljanza kontra l-ġurnalisti, kif ukoll il-fastidju u l-kriminalizzazzjoni tal-ġurnalisti għall-ħidma tagħhom; jappella biex il-malafama tiġi dekriminalizzata; jenfasizza l-fatt li l-ġurnalisti nisa huma partikolarment fil-mira u li din hija kwistjoni ta' tħassib; jisħaq li ambjent ostili bħal dan għal-ħidma ġurnalistika jista' jwassal għall-awtoċensura jew jiskoraġġixxi lill-individwi milli jagħżlu karrieri ġurnalistiċi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni immedjata u effettiva tal-ġurnalisti u tal-professjonisti tal-media, inklużi dawk li qed jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-gvern;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati protezzjonijiet legali robusti għall-media tas-servizz pubbliku, filwaqt li jiġu garantiti l-indipendenza editorjali u l-finanzjament stabbli tagħhom, u jipproteġuhom mill-influwenza u mill-indħil politiċi, sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-interess pubbliku b'mod effettiv u imparzjali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib tali żviluppi madwar l-UE u tindirizza l-isfidi li għaddejjin bħalissa;

27. Ifakkar f'diversi każijiet li fihom ġurnalisti b'ċittadinanza tal-UE ġew detenuti fuq akkużi foloz waqt li kienu qed iwettqu d-dmirijiet professjonali tagħhom f'pajjiżi mhux tal-UE, inklużi pajjiżi kandidati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758, iżidu l-isforzi tagħhom biex jassistu fil-ħelsien u r-ritorn sikur ta' dawn il-ġurnalisti detenuti b'mod arbitrarju; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-każijiet ta' detenzjoni mhux ġustifikata ta' ġurnalisti fil-pajjiżi kandidati, inkluża t-Turkija, u lill-proċedimenti legali kontra l-ġurnalist Żvediż Joakim Medin;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu l-implimentazzjoni rapida u xierqa tad-Direttiva kontra s-SLAPP u jieħdu miżuri effettivi biex itemmu l-każijiet kollha ta' SLAPP madwar l-UE;

29. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjoni mill-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa dwar is-Sikurezza tal-Ġurnalisti biex isaħħu l-protezzjonijiet għall-ġurnalisti fl-eżilju, inklużi salvagwardji kontra l-użu ħażin tal-avviżi ħomor tal-Interpol;

30. Ifakkar li 16-il Stat Membru tal-UE reċentement impenjaw ruħhom li jsaħħu l-appoġġ għall-integrità tal-informazzjoni u tal-media indipendenti; jirrikonoxxi li diversi Stati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni ddedikati u ħadu passi biex jistabbilixxu strutturi ta' appoġġ iddedikati li jippromwovu s-sikurezza tal-ġurnalisti;

L-intersezzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u t-teknoloġija

31. Jenfasizza x-xejra dejjem tikber ta' manipulazzjoni elettorali fl-UE, kemm minn atturi nazzjonali kif ukoll minn dawk barranin; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżijiet speċifiċi u regolari tal-għodod disponibbli u wżati mill-Istati Membri biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani marbuta mal-proċessi elettorali, filwaqt li tirrikonoxxi li tali theddid jimmina id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni, il-parteċipazzjoni demokratika, u elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri kollha meħuda biex jipproteġu lill-UE kontra l-indħil barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni jinkludu salvagwardji b'saħħithom u determinati għad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni; jinnota l-mekkaniżmu ta' "Tarka għad-Demokrazija" li għadu kif ġie propost mill-Kummissjoni u jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jinvolvi ruħu b'mod kostruttiv fl-iżvilupp ulterjuri tiegħu;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miżuri restrittivi tal-UE imposti fuq diversi akkademiċi, xjenzati u analisti jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-proporzjonalità u tan-neċessità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta, u jekk humiex imfassla biex jimminimizzaw l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; ifakkar li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit[43];

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv tad-DSA, l-Att dwar l-

43 https://www.ohchr.org/en/press-releases/2026/01/european-union-restrictive-measures-against-academics-negatively-impact.

Intelliġenza Artifiċjali[44] u r-Regolament dwar it-Trasparenza u l-Immirar tar-Reklamar Politiku[45], inkluż permezz li jiġu żgurati riżorsi umani u tekniċi adegwati biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-elezzjonijiet futuri fl-UE;

35. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tat-teknoloġiji diġitali fit-trawwim tal-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni demokratika; jisħaq li l-mudell ta' negozju tal-pjattaformi tal-media soċjali bbażat fuq il-mikroimmirar jista' jistimola mġiba ta' dipendenza u jwassal għall-amplifikazzjoni ta' kontenut diviżiv, b'riperkussjonijiet serji għad-drittijiet fundamentali, bħad-drittijiet tat-tfal, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jissottolinja li l-pjattaformi tal-media soċjali spiss jintużaw bħala mezz għall-indħil barrani u għall-attakki ibridi minħabba l-effetti amplifikanti tagħhom fuq il-koeżjoni soċjali u l-proċessi demokratiċi; jissottolinja l-ħtieġa li dawn l-isfidi jiġu indirizzati bħala parti mill-ekosistema usa' ta' reżiljenza tal-UE;

36. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju u l-obbligi ta' mitigazzjoni għal pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix online kbar ħafna, u tiżgura segwitu effettiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibqa' soda fid-dawl tat-tentattivi biex jiġi mminat id-DSA u biex tkompli twettaq investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-pjattaformi online kbar;

37. Jenfasizza l-isfidi ppreżentati miċ-chatbots ġenerattivi tal-IA, inkluż il-potenzjal li dawn is-sistemi jikkawżaw ħsara konjittiva permezz tal-interazzjonijiet tagħhom; iqis li t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi s-sistemi tal-IA, iridu jkunu ggwidati mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont u minn salvagwardji xierqa f'sistemi algoritmiċi, bħat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti biex jiġi evitat li dawn jiggravaw id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi eżistenti; jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jiddeterminaw esklużivament l-informazzjoni li l-persuni jistgħu jaċċessaw, u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jiżguraw li l-algoritmi u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut tagħhom jitfasslu u jintużaw b'modi li ma jimminawx id-drittijiet fundamentali

---

44 Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

45 Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (ĠU L, 2024/900, 20.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/900/oj).

u l-valuri demokratiċi;

38. Ifakkar li, skont l-Artikolu 27 tad-DSA, il-fornituri tal-pjattaformi online jeħtiġilhom jistabbilixxu fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom il-parametri ewlenin użati fis-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom, kwalunkwe għażla disponibbli għall-utenti biex jimmodifikaw jew jinfluwenzaw dawk il-parametri u spjegazzjoni għaliex ċertu kontenut huwa ssuġġerit lill-utent; iħeġġeġ lill-intermedjarji online jtemmu l-prattiki li deliberatament jisfruttaw il-polarizzazzjoni għall-profitt;

39. Jenfasizza l-effetti negattivi li l-pjattaformi online jista' jkollhom fuq id-drittijiet fundamentali u s-saħħa mentali tat-tfal; jisħaq fuq il-ħtieġa li t-tfal jiġu protetti online u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib jekk l-oqfsa legali eżistenti jistgħux jindirizzaw b'mod effettiv dan it-tħassib, b'enfasi speċifika biex tiġi żgurata perspettiva b'saħħitha tad-drittijiet tat-tfal u tad-drittijiet fundamentali f'tali valutazzjonijiet; jissottolinja li l-Att dwar l-Ekwità Diġitali li jmiss irid jipproteġi b'mod effettiv lit-tfal online u jissalvagwardja d-drittijiet tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għat-tfal, u tipproteġihom aħjar minn kontenut dannuż u illegali u minn reklami bbażati fuq it-tfassil ta' profili;

40. Jilqa' t-tħabbira tal-ewwel inkjesta fl-UE kollha dwar l-effetti tal-media soċjali fuq il-benesseri, u jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess;

41. Jappella għal investiment aktar b'saħħtu fil-litteriżmu medjatiku u diġitali, bħala l-aktar salvagwardja effettiva kontra l-manipulazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu l-litteriżmu medjatiku u diġitali, l-edukazzjoni ċivika, l-istorja Ewropea, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ħsieb kritiku u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika fil-kurrikuli tal-iskejjel u tal-universitajiet, filwaqt li jirrikonoxxuhom bħala elementi kritiċi għal parteċipazzjoni sinifikanti fil-ħajja demokratika u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt li wieħed jirċievi informazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li ssir ħidma parallela fuq is-sensibilizzazzjoni dwar kif għandha tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u jiġi promoss il-litteriżmu diġitali; jappella għal strateġija miftiehma tal-UE dwar il-litteriżmu medjatiku u diġitali bi proġetti li joħolqu riżultati tanġibbli bi skala sinifikanti fl-UE kollha;

42. Jiddeplora l-prattika dejjem tikber ta' sorveljanza mill-gvern ta' mezzi tal-media indipendenti u ta' ġurnalisti mis-servizzi tal-intelligence; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi minn ċerti gvernijiet biex juru l-media u l-ġurnalisti indipendenti bħala l-ixprunaturi tar-radikalizzazzjoni jew biex jirrestrinġu l-ħidma tagħhom billi jittikkettawhom bħala theddid għas-soċjetà jew għas-sigurtà nazzjonali;

43. Itenni li s-sorveljanza trid titwettaq f'konformità mal-liġi, isservi għan leġittimu u tkun meħtieġa u proporzjonata minħabba t-theddida li toħloq għad-drittijiet fundamentali u għad-demokrazija; jiddispjacih li l-qafas legali ta' xi Stati Membri ma jipprevedix salvagwardji preċiżi, effettivi u komprensivi dwar l-awtorizzazzjoni u t-twettiq ta' miżuri ta' sorveljanza u dwar mekkaniżmi ta' rimedju potenzjali kontra tali miżuri; jissottolinja li l-miżuri kollha ta' sorveljanza jridu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju xieraq u sorveljanza effettiva; huwa mħasseb dwar il-każijiet ġodda ta' invokazzjoni mhux ġustifikata "tas-sigurtà nazzjonali" għall-ġustifikazzjoni tal-użu ta' software ta' spjunaġġ u biex tiġi żgurata segretezza assoluta u nuqqas ta' responsabbiltà; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, li sempliċi referenza għas-sigurtà nazzjonali ma tistax tiġi interpretata bħala eżenzjoni bla limitu mid-dritt tal-UE u għandha tirrikjedi ġustifikazzjoni ċara; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi dik id-dikjarazzjoni f'każijiet fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' abbuż; iqis li f'soċjetà demokratika u trasparenti li tirrispetta l-istat tad-dritt, tali sorveljanza f'ġieħ is-sigurtà nazzjonali għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola;

44. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri[46] biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-PEGA u tal-Kummissjoni ta' Venezja, u li dawn jipprovdu gwida importanti biex jiżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sorveljanza demokratika; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza sħaħ fil-każijiet kollha ta' sorveljanza intrużiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispondi għat-theddid dejjem jikber ikkawżat mit-teknoloġiji tas-software ta' spjunaġġ; jappella għal sorveljanza ġudizzjarja effettiva biex jiġi żgurat li s-sorveljanza qatt ma tintuża kontra l-ġurnalisti, l-attivisti jew l-avversarji politiċi;

45. Iħeġġeġ biex l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB tiġi finalizzata; ifakkar li l-QĠUE, fil-kawża tagħha Opinjoni 2/13, identifikat għadd ta' ostakli legali għall-adeżjoni, u tissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati dawn l-ostakli sabiex tippermetti l-adeżjoni f'waqtha u b'suċċess tal-UE; jisħaq li dan il-pass huwa essenzjali biex il-qafas legali tal-UE jiġi allinjat mal-oġħla standards ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

Id-drittijiet fundamentali fil-fruntieri u l-politika dwar il-migrazzjoni

46. Ifakkar li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid fl-ambitu tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Asil jistabbilixxi regoli riveduti għall-proċeduri tal-asil, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-solidarjetà; jissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva tiegħu tirrikjedi rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet fundamentali jrid

---

46 b'mod partikolari fuq il-Greċja, Ċipru, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja.

ikompli jiġi mmonitorjat mill-qrib;

47. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jikkonformaw mal-obbligi u l-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki tal-migrazzjoni tagħhom, jippromwovu investigazzjonijiet fil-pront, jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt ta' dawn il-politiki fuq id-drittijiet fundamentali, kemm fl-oqfsa legali eżistenti kif ukoll fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni futura, u joqogħdu lura milli jadottaw politiki dwar il-migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jqisu s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli; jappella biex jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn l-obbligi;

48. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u fil-ħin il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rispettata l-iskadenza tal-implimentazzjoni; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' preparatezza ta' xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali, u jħeġġeġ appoġġ u kooperazzjoni kontinwi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tagħha; jenfasizza li d-dritt internazzjonali jirrikonoxxi li t-tfittxija għall-asil hija att legali u li, għaldaqstant, persuna li tfittex l-asil ma tistax tiġi detenuta b'mod arbitrarju biss, minħabba li tkun qed tfittex l-asil; ifakkar li d-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil trid tkun miżura tal-aħħar istanza jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi anqas koerċittivi; jisħaq li kwalunkwe detenzjoni ta' persuni li jfittxu asil trid tkun eċċezzjonali, meħtieġa u proporzjonata, u tista' tiġi ordnata biss abbażi ta' valutazzjoni individwali għar-raġunijiet speċifiċi previsti skont id-dritt tal-UE;

49. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, it-trattament ħażin u l-użu tal-vjolenza mill-awtoritajiet nazzjonali bħall-infurzar tal-liġi u l-gwardji tal-fruntiera; jinnota li tali prattiki spiss ma jiġux irrapportati u ma jiġux investigati; jinnota, barra min hekk, li diversi Stati Membri għadhom qed jiffaċċjaw pressjoni operazzjonali sinifikanti fil-fruntieri esterni tagħhom; jissottolinja li dawn l-isfidi jirrikjedu rispons Ewropew koordinat, inklużi proċeduri simplifikati u effettivi, f'konformità sħiħa mal-qafas legali tal-UE u internazzjonali applikabbli;

50. Itenni l-obbligu skont il-Liġi tal-Baħar li tingħata assistenza lill-persuni f'diffikultà, u jistieden b'mod urġenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu operazzjonijiet permanenti u kkoordinati ta' tiftix u salvataġġ bi żbarki rapidi; jistieden ukoll lill-Istati Membri jieħdu kull azzjoni possibbli biex isalvaw il-ħajjiet ta' persuni f'riskju fuq il-baħar; jitlob, barra minn hekk, li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR) ikunu jistgħu joperaw f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali u li dawn l-operazzjonijiet jiġu kkoordinati, fejn possibbli, bejn l-atturi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet

tal-Istati Membri, l-aġenziji rilevanti tal-UE u l-atturi mhux governattivi rilevanti;

51. Ifakkar li l-Artikolu 46 tar-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta[47] jista' jiġi attivat f'każijiet ta' ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-aġenzija tagħmel użu sħiħ u b'mod proattiv mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġi attivat l-Artikolu 46, f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rapport tiegħu bit-titolu "Il-Protezzjoni tad-Difensuri: "Ending repression of human rights defenders assisting refugees, asylum seekers and migrants in Europe"[48]; (It-tmiem tar-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jassistu lir-refuġjati, lil dawk li jfittxu l-ażil u lill-migranti fl-Ewropa) jisħaq fuq l-importanza li jinżamm diskors pubbliku bbażat fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' dibattitu pubbliku bbażat fuq il-fatti u responsabbli dwar il-migrazzjoni u l-ażil; jikkundanna bil-qawwa retorika rikorrenti kontra r-refuġjati u kontra l-migranti;

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+

53. Jikkundanna bil-qawwa r-rigress dwar id-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+ f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproteġu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inkluż billi jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-kampanji organizzati li jfittxu li jillimitaw dawn id-drittijiet, u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippromwovu r-rappreżentanza bejn il-ġeneri;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġġieldu l-movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet, inklużi l-movimenti kontra l-persuni LGBTIQ+, u jwettqu riċerka, monitoraġġ u analiżi fil-fond tal-impatt ta' dawn il-movimenti biex jiksbu fehim aktar ċar tal-operazzjonijiet, il-koordinazzjoni u l-istrateġiji ta' finanzjament tagħhom; jisħaq li tali fehim huwa kruċjali biex tiġi ssalvagwardjata Ewropa inklużiva u tolleranti bbażata fuq il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li fil-QFP il-ġdid, ma jkun

---

47 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

48 https://rm.coe.int/recommendation-protecting-the-defenders-ending-repression-of-human-rig/1680ae9b1c.

disponibbli l-ebda finanzjament tal-UE għall-gruppi kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet li għandhom l-għan li jreġġgħu lura l-progress fid-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, u lanqas għal xi grupp jew proġett li ma jirrispettax il-valuri tal-UE u d-drittijiet fundamentali kif deskritt fil-Karta; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni fl-Istati Membri ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża mmirati lejn il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tan-nisa, sabiex jiġi żgurat li s-sejħiet għal proposti biex jinkisbu tali fondi ma jiġux imwaqqfa jew miżmuma deliberatament;

56. Jesprimi tħassib serju dwar l-intensifikazzjoni tal-attakki fuq il-komunità LGBTIQ+ u d-drittijiet fundamentali ta' dawn il-persuni f'xi Stati Membri; jenfasizza li dawn l-attakki jiksru d-dritt ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-ugwaljanza quddiem il-liġi, u d-dritt għall-protezzjoni ugwali quddiem il-liġi mingħajr diskriminazzjoni; jappella lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ+ u jindirizzaw id-disparitajiet fil-protezzjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni inkonsistenti tal-miżuri ta' protezzjoni madwar l-Istati Membri; jilqa' l-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026–2030, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni rapida tagħha; jistieden lill-Istati Membri jġeddu jew jadottaw pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji nazzjonali ġodda tal-LGBTIQ+ biex jikkomplementaw l-inizjattivi tal-UE b'miżuri nazzjonali effettivi;

57. Jissottolinja li n-nuqqas ta' proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali; jikkundanna l-prattiki ta' konverżjoni, bħal prattiki li għandhom l-għan li jibdlu, jirripressaw jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna, bħala ksur tad-drittijiet fundamentali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom permezz ta' azzjonijiet konkreti; iħeġġeġ ukoll, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att legali li jistabbilixxi projbizzjoni tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha, bħala azzjoni ta' segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea";

58. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda tal-LGBTIQ+," u li dawn il-miżuri qed jikkontribwixxu għal żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u fid-diskors ta' mibegħda mmirati lejn individwi LGBTIQ+; jenfasizza l-impatt negattiv ta' tali miżuri fuq il-libertà tal-espressjoni u fuq il-libertà ta' għaqda; jenfasizza li dawn l-azzjonijiet jinkoraġġixxu d-diskriminazzjoni u jiksru d-dritt tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ u l-ġurisprudenza rilevanti f'dan ir-rigward;

59. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqas persistenti ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE relatati mad-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+ billi jintużaw il-mekkaniżmi kollha għad-dispożizzjoni tagħha;

60. Ifakkar li l-ostakli legali għar-rikonoxximent tas-sħubijiet, tal-istat ta' ġenitur u taż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess, f'livell transfruntier għadhom jippersistu f'diversi Stati Membri; iwissi li tali prattiki jfixklu l-moviment liberu tal-familji LGBTIQ+ fl-UE, jiksru l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni quddiem il-liġi u jenfasizzaw in-nuqqas ta' protezzjoni uniformi għall-individwi LGBTIQ+ madwar l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan jintroduċu r-rikonoxximent legali tas-sħubijiet bejn persuni tal-istess sess; jistieden lill-Kummissjoni tfassal mill-ġdid id-Direttiva 2004/38/KE[49] sabiex tinkludi rikonoxximent transfruntier espliċitu tad-drittijiet tal-ħajja privata u tal-familja; jisħaq li t-tfal kollha huma ugwali f'għajnejn il-liġi u li l-Istati Membri jeħtiġilhom jaġixxu fl-aħjar interessi tat-tfal;

61. Ifakkar fil-mandat tal-Parlament dwar ir-Regolament dwar l-istat ta' ġenitur, li jappoġġja r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur madwar l-UE irrispettivament mit-tip ta' familja; jistieden lill-Istati Membri jadottaw malajr ir-Regolament dwar l-istat ta' ġenitur ħalli jipprovdu ċertezza legali għall-ġenituri u għat-tfal madwar l-UE u jiżguraw li l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru wieħed tal-UE jiġi rikonoxxut awtomatikament madwar l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura rispett sħiħ fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt ta' residenza u r-riunifikazzjoni tal-familja fl-UE, ħalli ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jgawdu drittijiet ugwali u jeżerċitawhom bis-sħiħ;

62. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom; jinsab imħasseb dwar il-livell insuffiċjenti ta' ambizzjoni biex tiġi protetta u promossa l-Unjoni ta' Ugwaljanza;

63. Jissottolinja li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, hija reat maġġur u mifrux, kif ukoll ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi; jistieden

---

49 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/38/oj).

lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline;

64. Jinsab imħasseb li l-forom u x-xejriet tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru qed ikomplu jevolvu; jissottolinja li l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu u d-diskors ta' mibegħda huma wħud mill-aktar forom mifruxa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri biex tiġi indirizzata u miġġielda ż-żieda fil-valuri misoġinistiċi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' fehim aktar profond tal-fenomenu u tal-ideoloġija taċ-ċelibat involontarju u jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni permezz ta' politiki aktar attivi biex jiġu miġġielda tali fenomeni u n-narrattivi tagħhom;

65. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħsara potenzjali dejjem akbar u l-effett dissważiv li t-teknoloġiji l-ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, jista' jkollhom fuq il-vittmi, u jistabbilixxu miżuri preventivi u ta' appoġġ; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra l-vjolenza online mifruxa mmirata lejn in-nisa, li saret ostaklu dejjem akbar għall-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja pubblika u għar-rappreżentanza ugwali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u kif xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika[50] u d-DSA;

66. Jiddeplora bil-qawwa u jikkundanna t-tixrid ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, inkluż fuq il-media soċjali; jissottolinja li dawn joħolqu theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali; jenfasizza u jikkundanna bil-qawwa r-riskji għad-dibattitu demokratiku u d-drittijiet fundamentali meta l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni jiġu sfruttati minn movimenti u politiċi antidemokratiċi biex jilleġittimizzaw id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti u tal-minoranzi; jissottolinja li l-libertà tal-espressjoni trid tiġi eżerċitata fi ħdan il-liġi u f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Karta, u ma tistax tintuża bħala skuża biex jiġu mminati d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali;

67. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, kemm offline kif ukoll online, speċjalment meta tali mġiba tista' teskala fi vjolenza, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jisħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi stabbilita leġiżlazzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, inkluż għal raġunijiet

---

50 Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

bħall-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti segwitu għall-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026–2030; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tespandi l-lista tal-UE ta' reati kriminali biex tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat rispons robust tal-liġi kriminali tal-UE f'dan ir-rigward;

68. Iħeġġeġ lill-Kunsill jestendi l-lista attwali ta' "reati tal-UE" skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda; Jistieden lill-Kunsill jattiva l-"klawżola passerelle" f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni tkun lesta tibda t-tieni stadju tal-proċedura u tipproponi direttiva mmirata lejn il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda kemm offline kif ukoll online, u tqis il-pożizzjoni tal-Parlament f'dan ir-rigward[51];

69. Jenfasizza li n-nuqqas jew iċ-ċaħda tal-aċċess għall-SRHR, inkluż l-abort sikur u legali, huwa forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem b'mod attiv biex tiżgura aċċessibbiltà wiesgħa għall-SRHR; itenni t-talba tiegħu biex id-dritt għal abort sikur u legali jiġi inkluż fil-Karta;

70. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Il-Vuċi Tiegħi, l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli" u tressaq proposta għal mekkaniżmu finanzjarju li jappoġġja lill-Istati Membri li lesti jipprovdu servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri, inkluż abort sikur u legali, għal dawk fl-UE li għad ma għandhomx aċċess għal tali servizzi;

71. Jisħaq li għad ma hemm l-ebda definizzjoni ta' stupru, fil-livell tal-UE, ibbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda suppożizzjoni fil-liġi u lanqas fil-prattika li l-kunsens jingħata meta jkun hemm nuqqas ta' reżistenza fiżika għall-imġiba sesswali, irrispettivament minn jekk l-awtur tar-reat ikunx hedded li juża jew uża l-vjolenza fiżika jew jekk il-vittma tkunx f'relazzjoni intima mal-awtur tar-reat, jew miżżewġa lilu; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jinkludu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom definizzjoni ta' stupru bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens mogħti liberament, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u mal-istandards internazzjonali li qed jevolvu; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal tali definizzjoni fil-livell tal-UE; itenni li l-vjolenza sesswali, inkluż l-istupru, hija ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem;

72. Ifakkar fil-ġabra ta' dokumenti ppubblikati b'rabta mal-awtur ta' reati sesswali kkundannat Jeffrey Epstein, li tindika li twettqu għadd

---

51 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2024-0044_MT.html.

kbir ta’ reati u, konsegwentement, li hemm grupp kbir ta’ awturi moħbija; jinnota li huwa ddokumentat sew li Epstein kellu network li jestendi ampjament fil-kurituri tal-poter madwar l-Ewropa, inklużi membri ta’ monarkiji, l-ogħla diplomatiċi u persuni fil-politika; jikkundanna l-fatt li għadu ma ġiex stabbilit kemm, u liema, membri ta’ dan in-network kienu konxji mit-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-frodi u l-kriminalità finanzjarja jew kinux involuti fihom; jisħaq mhux biss li huwa ta’ tħassib serju li dawn l-individwi għadhom fil-beraħ, iżda wkoll li n-nuqqas ta’ obbligu ta’ rendikont sħiħ jimmina l-istat tad-dritt u l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet demokratiċi; jisħaq li l-każijiet li jinvolvu elementi transfruntiera fl-UE għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-UE; jistaqsi dwar il-kapaċità tal-UE li tinvestiga, tipprevjeni u tiġġieled il-kriminalità transfruntiera kumplessa mwettqa minn ċrieki elit tas-soċjetà; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex minnufih tagħti l-kompitu liċ-ċentru ta’ esperti tal-UE għall-prevenzjoni tal-kriminalità (Europol), flimkien mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-awtoritajiet nazzjonali, biex jinvestigaw u janalizzaw in-natura ta’ din l-attività kriminali, kif ukoll biex jidentifikaw dawk li jistgħu jinżammu responsabbli;

73. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu formalment il-femminiċidju bħala reat distint ibbażat fuq il-ġeneru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jadottaw u jinfurzaw strateġiji komprensivi biex jipprevjenuh u jiġġilduh, jiżguraw investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi tal-każijiet kollha, u jipprovdu postijiet ta’ kenn speċjalizzati, konsulenza u mekkaniżmi ta’ kumpens għall-qraba tal-vittmi;

74. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-użu tal-istupru u ta’ forom oħra ta’ vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, u jfakkar li tali mġiba tista’ tammonta għal delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità skont id-dritt internazzjonali; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-isforzi internazzjonali biex jiġu ddokumentati dawn id-delitti, u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għal abort sikur u legali għall-vittmi ta’ vjolenza sesswali, inklużi l-vittmi ta’ stupru fil-kuntest tal-gwerra;

75. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni ta’ Istanbul; jesprimi tħassib serju dwar l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawhiex kif ukoll dwar kwalunkwe rtirar minnha; jissottolinja li tali żviluppi huma r-riżultat ta’ kampanja ta’ diżinformazzjoni fit-tul dwar il-kamp ta’ applikazzjoni u l-għanijiet tal-Konvenzjoni minn forzi antidemokratiċi madwar l-UE;

Il-priġunieri u l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni

76. Ifakkar li l-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament inuman jew degradanti, stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Karta u fl-Artikolu 3 tal-KEDB, hija assoluta u mhux derogabbli, u tapplika bis-sħiħ għall-persuni kollha, inklużi dawk imċaħħda mil-libertà iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u l-

mekkaniżmi preventivi nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu żjarat mingħajr restrizzjonijiet fil-postijiet kollha ta' detenzjoni u li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom jiġu implimentati bis-sħiħ;

77. Jinnota bi tħassib li, f'xi Stati Membri, l-arrest preventiv jintuża b'mod eċċessiv jew mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà qabel il-proċess tiġi applikata biss bħala l-aħħar alternattiva, f'konformità sħiħa mal-istandards tal-KEDB u l-preżunzjoni tal-innoċenza, u jsaħħu s-sorveljanza ġudizzjarja u r-rieżami perjodiku tad-deċiżjonijiet ta' detenzjoni;

78. Jikkundanna bil-qawwa l-iffullar sistematiku, in-nuqqas ta' kura medika u l-estensjoni illegali tal-arrest preventiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw konformità sħiħa mar-Regoli Nelson Mandela, mal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha u mar-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet billi jtejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet kollha u jadottaw miżuri preventivi u riabilitattivi, inkluż fil-faċilitajiet għall-minorenni, kif ukoll billi jindirizzaw l-iffullar eċċessiv, jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-appoġġ psikoloġiku u jsaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tas-suwiċidju; jisħaq li l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem hija indiċi tas-saħħa demokratika tas-soċjetà;

79. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ksur serju fil-ħabsijiet, f'konformità mal-obbligu tal-UE li tirrispetta l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

Soċjetà ċivili mhedda

80. Ifakkar li, skont l-Artikolu 11(2) tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-OSĊ u mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw proċessi ta' konsultazzjoni effettivi f'konformità ma' standards ta' governanza tajba, jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika, inkluż fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, u jappoġġjaw il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fil-politiki tal-UE, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u l-konformità sħiħa mar-regoli applikabbli;

81. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament sostenibbli, flessibbli u aċċessibbli għall-OSĊ u aċċess għall-ġustizzja;

82. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-QFP li jmiss, li tippermetti r-ridistribuzzjoni tal-fondi ffriżati lill-OSĊ, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ggarantit li sehem minn tali riżorsi jkun jista' jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jippromwovu d-drittijiet fundamentali u valuri oħra tal-UE fl-Istati Membri fejn il-fondi jibqgħu ffriżati; ifakkar fl-importanza tal-programm dwar iċ-Ċittadini,

l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri minquxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari billi jappoġġja lill-OSĊ u jħeġġeġ parteċipazzjoni ċivika u demokratika, sabiex jiġu sostnuti u jkomplu jiġu żviluppati soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi; iqis li l-programm il-ġdid AgoraEU jrid jissalvagwardja mill-inqas l-istess livell ta' ambizzjoni bħall-programm CERV;

83. Jilqa' l-istrateġija tal-UE tal-Kummissjoni għas-soċjetà ċivili; jilqa' wkoll il-fatt li l-istrateġija hija ffukata fuq l-OSĊ u d-DDB, u tinkludi azzjonijiet bħat-tisħiħ tal-involviment effettiv u sinifikattiv mas-soċjetà ċivili, l-iżgurar ta' spazju ċiviku miftuħ, sikur u abilitanti billi jiġu pprovduti appoġġ u protezzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għall-OSĊ fuq il-post, u l-appoġġ lill-OSĊ b'finanzjament adegwat, sostenibbli u trasparenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija u timmonitorja b'mod sistematiku s-sitwazzjoni tal-ispazju ċiviku fir-rapporti tagħha dwar l-istat tad-dritt;

84. Jesprimi tħassib serju dwar l-ispazju ċiviku li qed jiċkien kontinwament u l-persekuzzjoni dejjem akbar tal-OSĊ u tad-DDB f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fl-oqsma tal-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ġustizzja klimatika, id-drittijiet tal-LGBTIQ+, id-drittijiet tan-nisa u l-migrazzjoni; jinnota li dawn il-gruppi jiffaċċjaw firxa ta' theddid, inklużi restrizzjonijiet legali u finanzjarji, sospensjonijiet tal-finanzjament, kampanji ta' malafama, intimidazzjoni u kriminalizzazzjoni; jiddispjaċih għall-fatt li r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet ta' għaqda, ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni spiss jaffettwaw b'mod sproporzjonat lil gruppi jew kawżi speċifiċi;

85. Jisħaq li d-dritt ta' għaqda paċifika, il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, kif ukoll il-libertà tal-arti u x-xjenzi huma drittijiet fundamentali protetti bid-dritt internazzjonali u dak tal-UE u huma essenzjali għad-demokrazija; jissottolinja li l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif garantita bl-Artikolu 12 tal-Karta u bl-Artikolu 11 tal-KEDB, hija pedament ta' soċjetà demokratika;

86. Jikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-ħaddiema u l-attivisti umanitarji; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-assistenza umanitarja pprovduta lil persuni vulnerabbli ma tiġix kriminalizzata; ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE trid tkun allinjata mal-istandards Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjonijiet meta tali allinjament ikun nieqes;

87. Jinnota bi tħassib li diversi Stati Membri, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali imponew miżuri sproporzjonati fuq il-ħaddiema u

l-attivisti umanitarji; jikkundanna bil-qawwa l-użu ta' "liġijiet dwar l-aġenti barranin", li joħonqu d-dissens, ikollhom fil-mira l-OSĊ u jirrestrinġu l-operazzjonijiet tagħhom, u joħolqu effett dissważiv fuq is-soċjetà ċivili u d-DDB; jikkundanna l-miżuri sproporzjonati f'xi Stati Membri kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi, inklużi projbizzjonijiet preventivi, l-użu ta' forza eċċessiva u d-detenzjoni ta' dimostranti, b'effetti dissważivi; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jieħdu azzjonijiet legali sproporzjonati kontra dawk li jipparteċipaw f'dimostrazzjonijiet paċifiċi;

88. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-dritt ta' għaqda paċifika jkun jista' jiġi eżerċitat, iżommu lura milli jipproponu jew jimplimentaw miżuri li jista' jkollhom effett dissważiv fuq l-ispazju ċiviku, filwaqt li jinnota bi tħassib li tali tentattivi ġew osservati f'xi Stati Membri, u jiffaċilitaw dibattitu san dwar kwalunkwe kwistjoni ta' tħassib pubbliku; jikkundanna kwalunkwe prattika li jkollha effett dissważiv fuq dimostrazzjonijiet paċifiċi, bħall-użu eċċessiv tal-forza, is-sorveljanza u l-fastidju ġudizzjarju;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons rapidu fl-UE biex tappoġġja lill-OSĊ u lid-DDB mhedda li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi indiċi Ewropew tal-ispazju ċiviku biex timmonitorja u tirrapporta kull sena dwar l-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili; jappella wkoll għat-trasparenza tal-finanzjament għall-atturi kollha fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE;

90. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika[52];

Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni strutturali

91. Ifakkar li t-Trattati tal-UE u l-Karta jistabbilixxu l-mandat u r-responsabbiltà tal-UE għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u għall-promozzjoni tat-trattament ugwali għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-lakuni fil-qafas tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u kif xieraq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;

92. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li treġġa' lura l-irtirar tal-proposta għal Direttiva Orizzontali Kontra d-Diskriminazzjoni; itenni l-appelli tiegħu biex jiġu żblukkati mingħajr dewmien id-diskussjonijiet fil-

---

52 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).

Kunsill dwar id-Direttiva u jħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonkludu ftehim dwarha;

93. Jirrikonoxxi u jikkundanna l-eżistenza ta' razziżmu strutturali fl-UE, xprunat minn sterjotipi mrawma mid-diskors pubbliku, li jirriżultaw f'diskriminazzjoni kontra l-minoranzi fl-oqsma kollha ta' ħajjithom;; jinsab imħasseb ħafna dwar il-forom individwali, strutturali u istituzzjonali ta' razziżmu u ksenofobija fl-UE u d-diskriminazzjoni li qed tiżdied kontra l-Għarab[53], l-Ewropej Suwed[54], il-persuni ta' dixxendenza Asjatika[55], il-Lhud[56], il-Musulmani[57] u l-persuni Rom[58]; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni fil-livelli kollha;

94. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni quddiem il-liġi; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress fil-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni f'xi Stati Membri; jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE bħad-Direttiva 2000/78/KE dwar l-ugwaljanza fit-trattament[59], għad hemm lakuni fil-qafas legali, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar, u dan iħalli lill-vittmi mingħajr rimedji legali adegwati; ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-prinċipju ta' trattament ugwali fis-sistemi legali tagħhom u jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-individwi kollha; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji;

95. Jissottolinja li l-aċċess għall-fondi tal-UE għandu jkun kundizzjonali fuq il-konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, inkluż il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u jappella għal allokazzjoni trasparenti biex jiġi ggarantit appoġġ fit-tul għad-drittijiet tal-bniedem u għall-OSĊ iffukati fuq l-ugwaljanza;

96. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-Ungerija, jirrieżaminaw kwalunkwe liġi jew politika li tiddiskrimina kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla; jistieden lill-Ungerija tiżgura li l-oqfsa kostituzzjonali u leġiżlattivi nazzjonali ma jkunux jistgħu

---

53 https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2017-eu-midis-ii-main-results_en.pdf.

54 https://fra.europa.eu/en/publication/2026/antisemitism-overview.

55 https://fra.europa.eu/en/publication/2024/being-muslim-eu.

56 https://fra.europa.eu/en/publication/2025/roma-survey-2024.

57 https://infocuria.curia.europa.eu/tabs/document?source=document&text=&docid=300973&pageIndex=0&doclang=EN&mode=req&dir=&occ=first∂=1&cid=900537.

58 https://fra.europa.eu/en/publication/2025/roma-survey-2024.

59 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/78/oj).

jintużaw ħażin biex jimminaw il-primazija tad-dritt tal-UE jew biex jistigmatizzaw il-minoranzi bl-iskuża tal-“identità nazzjonali”; jikkundanna bil-qawwa l-applikazzjoni kontinwa tal-hekk imsejħa liġi dwar il-“protezzjoni tat-tfal” fl-Ungerija, li tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta li tmur kontra l-Artikoli 7, 11, 21 u 24 tal-Karta[60]; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b’mod urġenti l-kompatibbiltà tal-liġi tal-Ungerija dwar il-protezzjoni tal-identità lokali mad-dritt tal-UE, b’mod partikolari d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Karta;

97. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluża t-tnedija ta’ proċeduri ta’ ksur, meta jiġi identifikat ksur; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki lokali dwar l-akkomodazzjoni u r-residenza jikkonformaw bis-sħiħ mal-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u ma jirriżultawx f’segregazzjoni etnika jew soċjoekonomika;

98. Jissottolinja li s-supremazija tad-dritt tal-UE tikkostitwixxi l-ġebla tax-xewka tal-funzjonament tal-Unjoni u tar-rispett għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha, li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom li jħarsu mal-adeżjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jikkonformaw mal-ġurisprudenza attwali tal-QĠUE u tal-QEDB; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-sentenzi mogħtija mill-QĠUE u mill-QEDB, b’attenzjoni partikolari għas-sentenzi li jikkonċernaw in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-minoranzi;

99. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi ġodda għall-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu għas-snin li ġejjin, li jinkludu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni b’mod komprensiv għar-raġunijiet kollha u fl-oqsma kollha tal-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ komprensiv u kkoordinat fl-istrateġiji, fl-oqfsa u fil-pjanijiet ta’ azzjoni eżistenti u futuri kollha sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tagħhom;

100. Jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw u jimplimentaw bis-sħiħ pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu jew strateġiji bi standards ambizzjużi, inklużi miri, skedi ta’ żmien u baġits ċari; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura mekkaniżmi ta’ monitoraġġ regolari, f’kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili;

101. Jissottolinja li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi fl-UE, iridu jiġu ttrattati b’mod mhux diskriminatorju; jirrimarka li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi għandhom id-dritt li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali skont id-dritt internazzjonali u dak tal-UE, inkluż f’konformità mal-prinċipju

60 https://infocuria.curia.europa.eu/tabs/document?source=document&text=&docid=300973&pageIndex=0&doclang=MT&mode=req&dir=&occ=first&part=1&cid=900537.

ta’ non-refoulement; jistieden lill-Istati Membri jħarsu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta u biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni adottata mill-koleġiżlaturi; jisħaq fuq in-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-QĠUE u tal-QEDB;

102. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprojbixxu t-tfassil ta’ profil razzjali u prattiki diskriminatorji oħra, inkluż fil-fruntieri, jallokaw riżorsi sostanzjali għal inizjattivi bbażati fuq l-inklużjoni u d-drittijiet, u jistabbilixxu mekkaniżmi indipendenti tal-monitoraġġ, tal-obbligu ta’ rendikont u tal-ilmenti; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi valutazzjonijiet tal-impatt vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza biex tipprevjeni d-diskriminazzjoni algoritmika; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-esponiment sproporzjonat tal-komunitajiet razzjalizzati għat-tniġġis, għad-degradazzjoni ambjentali u għar-riskji relatati mal-klima;

103. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, f’konformità mal-Prinċipji ta’ Pariġi tan-NU, jiggarantixxu l-indipendenza tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-kompiti tagħhom b’mod effettiv, u jipprovdu salvagwardji kontra l-indħil politiku;

104. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2024/1500[61] u d-Direttiva (UE) 2024/1499[62], li jistabbilixxu standards minimi għall-Korpi tal-Ugwaljanza; jappella għal miżuri konkreti biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza u biex tiġi żgurata l-effettività tagħhom fil-promozzjoni tal-ugwaljanza; iħeġġeġ l-appoġġ għall-OSĊ biex jiżviluppaw u jxerrdu inizjattivi edukattivi ħalli jippromwovu l-ugwaljanza u biex jiżguraw ħidma sabiex jintlaħqu n-nies kif ukoll aċċessibbiltà wiesgħa;

105. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-antisemitiżmu, il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-

---

61 Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta’ impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).

62 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta’ Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta’ impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta’ sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj).

omofobija, it-transfobija u kwalunkwe forma oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni jew reat ta' mibegħda b'mod olistiku; jappella wkoll għal sforzi sostnuti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali għall-monitoraġġ, għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' mibegħda relatati, u għall-protezzjoni tal-minoranzi;

106. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-FRA, li jindikaw żieda sinifikanti fl-antisemitiżmu madwar l-Unjoni, inkluż online, fi spazji pubbliċi u fil-komunitajiet lokali; jisħaq li ħafna individwi Lhud jirrapportaw ostakli biex jesprimu b'mod miftuħ l-identità tagħhom u għadhom jiffaċċjaw tħassib dwar is-sikurezza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-mekkaniżmi ta' prevenzjoni, rapportar u appoġġ għall-vittmi, jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u jiżguraw infurzar sħiħ tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali, u jsaħħu l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-miżuri ta' sigurtà fejn meħtieġ; jikkundanna bil-qawwa l-livelli dejjem jiżdiedu ta' antisemitiżmu madwar l-UE;

107. Jinsab imħasseb li xi politiki adottati f'xi Stati Membri wasslu għal diskriminazzjoni kontra ċerti gruppi, inklużi dawk definiti skont ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika, il-lingwa, ir-reliġjon, id-diżabbiltà jew l-orjentazzjoni sesswali; jiddenunzja l-fatt li l-effetti ta' tali politiki jinkludu prattiki legali u tal-infurzar tal-liġi diskriminatorji, kif ukoll id-deleġittimizzazzjoni – u f'xi każijiet il-kriminalizzazzjoni jew it-tentattiv ta' kriminalizzazzjoni – ta' forom politiċi, reliġjużi u forom oħra ta' diskors; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura minn tali prattiki, u milli jadottaw politiki u leġiżlazzjoni li jistgħu jwasslu għal tali konsegwenzi għal dawn il-gruppi;

108. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u ostilità kontra l-komunitajiet reliġjużi, inkluża l-Iżlamofobija, u l-forom l-oħra kollha ta' diskriminazzjoni u razziżmu madwar l-UE, inklużi l-atti ta' vjolenza, l-intimidazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u l-wiri ta' simboli ta' mibegħda fi spazji pubbliċi; jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw li l-membri tal-minoranzi kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali quddiem il-liġi;

109. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom, u jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw is-sentenzi tal-QEDB dwar id-drittijiet tal-persuni Rom, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom;

110. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà u jippromwovu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà; jistieden ukoll lill-UE u lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tas-CRPD biex itemmu d-diskriminazzjoni kontra l-persuni kollha

b’diżabbiltà u jiżguraw it-tgawdija ugwali tagħhom tad-drittijiet fundamentali u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fl-oqsma kollha tas-soċjetà[63];

111. Jikkundanna l-forom kollha ta’ vjolenza u koerċizzjoni kontra l-persuni b’diżabbiltà, b’mod partikolari l-isterilizzazzjoni furzata, li tikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-isterilizzazzjoni furzata bbażata fuq id-diżabbiltà jew il-kapaċità legali mingħajr eċċezzjoni u jipprovdu reparazzjoni lis-superstiti; jappella għal pjan ta’ azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza u l-intersezzjonalità; iħeġġeġ ir-rikonoxximent u l-inklużjoni tal-lingwi tas-sinjali nazzjonali bħala parti mid-diversità lingwistika tal-UE;

112. Jappella għat-tisħiħ tal-Pjattaforma tal-UE għad-Diżabbiltà bħala l-mekkaniżmu parteċipattiv permanenti għad-djalogu politiku mal-organizzazzjonijiet tal-persuni b’diżabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni żżomm qafas ta’ monitoraġġ trasparenti għall-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà 2021–2030, b’rappurtar pubbliku annwali u bl-involviment sinifikattiv tas-soċjetà ċivili; jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom imexxu bl-eżempju billi jiżguraw l-aċċessibbiltà, ir-reklutaġġ inklużiv u żieda sinifikanti fil-persunal b’diżabbiltà fl-amministrazzjoni tal-UE; jappoġġja l-implimentazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni dwar id-diżabbiltà fl-azzjoni esterna tal-UE, li jiżgura li l-programmi umanitarji u ta’ żvilupp tal-UE jintegraw bis-sħiħ id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà, f’konformità mal-Artikolu 32 tas-CRPD;

Il-protezzjoni tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi u l-indirizzar tal-impatti ambjentali

113. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi tal-UE ddedikati għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u għat-titjib tal-istandards tal-għajxien – inkluż l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, edukazzjoni ta’ kwalità, sigurtà soċjali u kura tas-saħħa – jintużaw b’mod effettiv u trasparenti; jesprimi tħassib dwar il-każijiet reċenti ta’ użu ħażin tal-fondi;

114. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ, l-awditjar u l-involviment dirett tal-komunità biex tiggarantixxi li kull euro jilħaq lill-benefiċjarji intiżi tiegħu u jikkontribwixxi għal titjib ġenwin fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-gruppi żvantaġġati u emarġinati, inklużi l-minoranzi etniċi u l-persuni affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett għall-Karta Soċjali Ewropea u għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom u tieħu azzjoni f’każijiet ta’

63 https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CRPD%2FC%2FEUR%2FCO%2F2-3&Lang=en.

implimentazzjoni insuffiċjenti;

115. Jesprimi tħassib għall-fatt li l-akkomodazzjoni hija ttrattata bħala komodità; jappella biex jiżdied l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u biex jiġu adottati strateġiji ta' akkomodazzjoni fit-tul u bbażati fuq id-drittijiet li jkunu ffukati wkoll fuq il-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-UE għall-akkomodazzjoni affordabbli jagħti prijorità lill-aċċessibbiltà, lill-affordabbiltà u lill-effiċjenza enerġetika, u tqis l-istabbiliment ta' fond iddedikat;

116. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-aċċess għall-ġustizzja, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali; jitlob li fil-politiki tal-Unjoni jiġu integrati miżuri mmirati lejn il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, kif minqux fl-Artikolu 37 tal-Karta; itenni t-talba tiegħu biex id-dritt għal ambjent b'saħħtu jiġi rikonoxxut fil-Karta; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex testendi l-mandat tal-UPPE biex jinkludi r-reati ambjentali;

117. Ifakkar li l-faqar jikkostitwixxi ksur tad-dinjità tal-bniedem, li jdgħajjef it-twettiq sħiħ tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti mill-Karta u mill-Artikolu 9 tat-TFUE; jisħaq li, għalhekk, il-ġlieda kontra l-faqar trid tkun prijorità ċentrali għall-UE u għall-Istati Membri kollha; jappella għall-integrazzjoni tal-objettivi tal-qerda tal-faqar fil-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali rilevanti tal-UE permezz ta' approċċ ta' integrazzjoni allinjat mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDG 1); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tnaqqax il-qerda tal-faqar bħala objettiv orizzontali fiċ-ċiklu strateġiku tal-UE li jmiss u tistabbilixxi mekkaniżmi ċari ta' governanza u monitoraġġ;

118. Itenni li l-aċċess għal introjtu adegwat huwa prerekwiżit biex persuna tgħix il-ħajja b'dinjità; jinnota, bħala segwitu għall-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva, li direttiva tal-UE dwar introjtu minimu adegwat tista' tikkontribwixxi għall-għan li l-faqar jitnaqqas b'mill-inqas nofs fl-Istati Membri kollha sal-2030;

119. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea kontra l-faqar bl-għan li jiġi eliminat il-faqar sal-2035, inklużi miri intermedji li jistgħu jitkejlu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq task force tal-UE kontra l-faqar, bl-għan li timmonitorja l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-istrateġija tal-UE li jmiss kontra l-faqar u li ssegwi l-faqar multidimensjonali u l-inugwaljanza madwar l-Istati Membri; jappella għall-parteċipazzjoni strutturata tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

120. Jenfasizza li l-faqar jikkoinċidi mal-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, l-

oriġini etnika, l-istatus ta’ immigrant u l-iżvantaġġ rurali jew reġjonali; jappella għal miżuri mmirati kontra l-faqar; jisħaq li l-ġlieda kontra l-faqar intersezzjonali teħtieġ taħlita ta’ miżuri, inklużi politika kontra d-diskriminazzjoni, impjiegi ta’ kwalità, servizzi affordabbli, u miżuri li jsaħħu l-impjegabbiltà;

121. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar hija essenzjali għal-leġittimità demokratika u għall-effettività tal-politiki kontra l-faqar; jappella għal strutturi ta’ djalogu permanenti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali mal-OSĊ u mas-sħab soċjali sabiex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali;

Ħarsa lilhinn mill-2020

122. Ifakkar li l-pedamenti tal-proġett tal-UE kienu jinkludu l-benesseri tan-nies bħala pilastru u jqis li, irrispettivament minn kwalunkwe sfida ġeopolitika, tas-sigurtà u soċjoekonomika, l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; jitlob li l-Kummissjoni tqis kif xieraq il-benesseri tal-individwi, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, fil-politiki eżistenti u futuri kollha tal-UE, u tinkludi s-sigurtà tal-ikel u tas-saħħa fl-aġenda tas-sigurtà politika tagħha;

°

° °

123. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.